



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Rapport Annwali 2025

Panorama tas-sena



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiggerantixxi l-protezzjoni tad-dritt tal-Unjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija waħda minn seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha l-missjoni li tiggerantixxi l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati u billi tiggerantixxi l-istħarriġ tal-legalità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni.

L-istituzzjoni tikkontribwixxi sabiex jiġiharsu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew permezz tal-ġurisprudenza tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn żewġ qrati: il-“Qorti tal-Ġustizzja” u l-“Qorti Ġenerali”.

Rapport Annwali 2025

Panorama tas-sena



Contents

1. Daħla mill-President	4
2. Harsa qasira lejn is-sena 2025.....	6
A. Sena f'ritratti	8
B. Sena f'ċifri	18
L-istituzzjoni fl-2025.....	18
Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali)	19
Id-dipartimenti lingwistiċi	20
3. L-attività ġudizzjarja.....	22
A. Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2025.....	24
L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.....	24
Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja	28
B. Il-Qorti Ġenerali fl-2025.....	32
L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali.....	32
Żviluppi importanti fil-ġurisprudenza	34
Il-Membri tal-Qorti Ġenerali	38
C. Il-ġurisprudenza fl-2025.....	42
Focus lċ-ċittadinanza tal-Unjoni u l-“passaporti tad-deheb”	42
Focus Id-Direttiva dwar il-pagi minimi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja	46
Focus Aċċess għall-messaġġi testwali skambjati bejn il-Presidenta tal-Kummissjoni u l-President-Direttur Ġenerali ta' Pfizer	50
Focus Soċjetà tal-informazzjoni: l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u l-pjattaformi online kbar ħafna	52
Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena.....	56

4. Amministrazzjoni li taqdi l-ġustizzja	76
A. Daħla mir-Reġistratur	78
B. L-avvenimenti ewlenin tas-sena	80
Is-sena 2025: sena kruċjali għar-riforma ġudizzjarja tal-Unjoni	80
Ġustizzja Ewropea iktar trasparenti	84
Kooperazzjoni mal-qrati fl-Ewropa	87
C. Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku	90
5. Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent	94
6. Farsa lejn il-futur.....	98
L-innovazzjoni u d-djalogu maċ-ċittadini fil-mira tas-sena 2026	100

Kull sena, il-*Panorama*, ir-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja, joffri ħarsa lura lejn l-avvenimenti tas-sena li tkun għadha kemm għaddiet, filwaqt li jagħti ħjiel ta' x'inhom mistenni fil-futur. Dan ir-rapport annwali huwa wkoll opportunità sabiex inpoġġu l-ħidma tagħna fil-kuntest usa' tal-istorja tal-istituzzjoni tagħna u tal-integrazzjoni Ewropea.



Koen Lenaerts

President tal-Qorti
tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea

Fl-10 ta' Diċembru 1952, waqt l-ewwel seduta tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita mit-Trattat ta' Pariġi, l-Ewwel President tal-qorti, Massimo Pilotti, irrefera fid-diskors tiegħu għall-poeta u politiku Taljan Dante Alighieri: *"ubicumque potest esse litigium, ibi debet esse iudicium"* ("kull fejn jista' jkun hemm tilwima, għandu jkun hemm ġudizzju"). Huwa fakkar ukoll li l-missjoni tal-Qorti kienet li tiżgura għal kulħadd – "Stati, impriżi jew sempliċi individwi" – ir-rispett tal-limiti li fi ħdanhom kellhom jitwettqu li l-azzjonijiet tal-korpi tal-Komunità.

Fl-istess jum, Jean Monnet sellem lill-qorti l-ġdida "mhux biss bħala l-Qorti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, iżda wkoll bħala Qorti Federali Ewropea Suprema", sinjal tal-"preżenza sovrana tad-dritt fil-Komunità". Iktar minn 70 sena iktar tard, dawn il-prinċipji fundaturi għadhom jispiraw ix-xogħol tagħna ta' kuljum. Dawn il-prinċipji huma riflessi fil-progress li sar fl-2025 u ser jiggwidawna fl-isfidi li qegħdin nistennew fl-2026.

Is-sena 2025 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tar-riforma li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2024, li tippredvi t-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali f'sitt oqsma speċifiċi (VAT, dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali, klassifikazzjoni tat-tariffi, drittijiet tal-passiġġieri u sistema ta' skambju tal-kwoti ta' emissjonijiet). Ir-riżultati miksuba kienu sodisfaċenti ħafna. Ir-riforma hija bbażata fuq mekkaniżmu ta' "one-stop shop", fejn it-talbiet kollha għal deċiżjoni preliminari jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddetermina, wara konsultazzjoni interna, jekk dawn għandhomx jiġu ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali jew ittrattati minnha stess. Sa minn meta daħlet fis-seħħ ir-riforma, kważi 100 talba għal deċiżjonijiet preliminari ġew ipproċessati mill-"one-stop shop", u madwar disgħa minn kull għaxra ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali peress li kienu jaqgħu esklużivament f'wieħed mis-sitt oqsma msemmija iktar 'il fuq.

Barra minn hekk, fl-2025, il-kompożizzjoni tal-qorti tal-Unjoni nbidlet diversi drabi. Żewġ Imħallfin ġodda, li wieħed minnhom kien diġà Mħallf fil-Qorti Ġenerali, daħlu fil-kariga fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-Qorti Ġenerali, kien hemm ħames ħatriet ġodda, li tnejn minnhom kienu intiżi li jissostitwixxu membri li saru Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, f'Settembru 2025, il-Gvernijiet tal-Istati Membri ġedded il-mandati ta' 19-il Imħallf tal-Qorti Ġenerali għall-perjodu 2025 sa 2031. Fl-istess ħin, Marc van der Woude ġie elett mill-ġdid bħala President tal-Qorti Ġenerali għat-tielet mandat, u Savvas Pappasavvas ġie kkonfermat fil-kariga tiegħu ta' Viċi President.


Matul is-sena 2025, l-istituzzjoni kompliet tittrasforma l-politika tagħha ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari bit-tnedija ta' preżentazzjonijiet qosra awdjoviżivi ppreżentati mill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-iktar kawżi sinjifikattivi. Imħallf li kien membru tal-awla li tat is-sentenza jippreżenta b'mod konċiż u didattiku l-kwistjonijiet tal-kawża, kif ukoll il-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet il-kwistjonijiet legali mqajma. Fl-istess ħin, kompliet il-ħidma fuq diversi proġetti kbar sabiex ikunu jistgħu jitnedew simultanjament sa minn Jannar 2026: id-disinn mill-ġdid tas-sit internet Curia, il-portal ewlieni tal-istituzzjoni, l-iżvilupp ta' magna ta' tfitxija ġdida u l-evoluzzjoni ta' [Curia Web TV](#), li sa issa kienet pjattaforma awdjoviżiva interna, f'għodda ta' komunikazzjoni esterna li tikkomplimenta l-kanali ta' komunikazzjoni eżistenti.

Fir-rigward tal-avvanzi teknoloġiċi, l-intelliġenza artifiċjali tkompli tilgħab rwol importanti fit-trasformazzjoni tal-istituzzjoni. Din is-sena, ġew immedija jew ippruvati diversi għodod ibbażati fuq din it-teknoloġija, b'mod partikolari Curia AI Brain, pjattaforma interna żviluppata mill-istituzzjoni nnifisha li għandha l-għan li tipprovdi lill-membri tal-persunal b'serje ta' assistenti ta' intelliġenza artifiċjali speċjalizzati, adattati għall-bżonnijiet speċifiċi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-aħħar nett, fis-7 ta' Diċembru 2025 tfakkar il-25 anniversarju tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex niċċelebraw dan l-avveniment u l-kontribut tal-Karta għall-ġurisprudenza u għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-Forum tal-Membri tal-Ġudikatura li jmiss, li se jsir fil-Qorti tal-Ġustizzja f'Marzu 2026, ser ikun iddedikat kompletament għall-pożizzjoni ċentrali tal-Karta fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

Permezz ta' dawn il-proġetti u filwaqt li tħares lejn il-futur b'determinazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ilha mill-1952 leali lejn il-missjoni tagħha: li tiggarrantixxi l-osservanza tal-liġi, il-fiduċja taċ-ċittadini u l-istabbiltà tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.





1

Ħarsa qasira lejn
is-sena 2025



A. Sena f'ritratti

Jannar



Impenn solenni mill-Kummissjoni Ewropea

Fil-kuntest tal-ħatra tal-Kummissjoni Ewropea l-ġdida, il-Presidenta tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, kif ukoll il-Membri tal-Kummissjoni, ħadu l-impenn solenni previst fit-Trattati waqt udjenzi solenni organizzati f'Jannar, fi Frar, f'Marzu u f'Mejju.

Frar



Impenn solenni mill-Ombudsman Ewropew

Teresa Anjinho, eletta mill-Parlament Ewropew bħala Ombudsman Ewropew, ħadet l-impenn solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Marzu



Żjara mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, magħmula mir-Reġistratur u mill-kapijiet ta' diversi dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, marret Strasbourg għal żjara uffiċjali lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Id-delegazzjoni pparteċipat f'diversi diskussjonijiet dwar sfidi komuni u l-opportunitajiet għal kooperazzjoni bejn iż-żewġ qradi.

Udjenja solenni ta' eloġji funebri

Ingħatat tislina solenni lil Uno Lõhmus, l-ewwel Imħallef Estonjan fil-Qorti tal-Ġustizzja (2004-2013), li miet f'Awwissu 2024, u lil Ena Cremona, l-ewwel Imħallef Malti fil-Qorti Ġenerali (2004-2012), li mietet f'Mejju 2024.



30 sena mill-adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Isvezja

Inżammet ċerimonja fil-Qorti tal-Ġustizzja li tfakkar it-30 anniversarju tal-adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Isvezja mal-Unjoni Ewropea. Introdotta mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts, iċ-ċerimonja kienet tinkludi diskorsi minn personalitajiet magħrufa minn dawn l-Istati Membri, ippreżentati minn Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja.



April

Finali tal-kompetizzjoni "European Law Moot Court"

Organizzata għall-ewwel darba fl-1988, l-edizzjoni tal-2025 ta' din il-kompetizzjoni universitarja ta' sottomissjonijiet orali ntrebħet mill-Università ta' Fribourg (l-Isvizzera).





Il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Ġustizzja jiltaqgħu għad-djalogu annwali tagħhom


Il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Ġustizzja ltaqgħu fil-Lussemburgu għat-tieni edizzjoni tad-djalogu annwali tagħhom dwar il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni. Dan id-djalogu twaqqaf bħala parti mir-riforma tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali f'ċerti oqsma speċifiċi.

Mejju



Il-Qorti tal-Ġustizzja f'Jum l-Ewropa

Il-Qorti tal-Ġustizzja pparteċipat fil-Villaġġ Ewropew, organizzat fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu, b'kooperazzjoni mal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fil-Lussemburgu. Din is-sena, l-avveniment inżamm f'Echternach, belt fil-lvant tal-Lussemburgu.



Tliet xogħlijiet ta' arti ġodda mislufa lill-Qorti tal-Ġustizzja

F'Mejju, ix-xogħlijiet tal-artista Pollakka Magdalena Abakanowicz, *Figury z cyklu Mędrzy* (Figuri mis-serje "Għorriefa"), ingħataw uffiċjalment b'self lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Mużew Nazzjonali f'Wrocław, taħt l-awspiċċi tal-Istitut Adam Mickiewicz.

F'Ottubru, il-pittura *Silence*, tal-artista Slovakka Tamara Klimová, ġiet ippreżentata uffiċjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Gallerija tal-Belt ta' Bratislava.

F'Ottubru wkoll, l-iskultura tal-irħam *Le buste de Lycurgue* ġiet ippreżentata lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Mużew Arkeoloġiku Nazzjonali ta' Napoli (MANN). Ix-xogħol jirrappreżenta l-leġiżlatur mitiku ta' Sparta.

Xandir dirett ta' għoti ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali

Għall-ewwel darba, tingħata sentenza tal-Qorti Ġenerali waqt xandira diretta. Dan l-approċċ jagħmel parti mill-iżvilupp tal-mezzi u tal-kanali ta' komunikazzjoni tal-Istituzzjoni u jirrifletti r-rieda tagħha li tagħmel il-ġustizzja Ewropea iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni.



Ġunju

L-ewwel video qasir spjegattiv iddedikat għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

L-Istituzzjoni nediet format ġdid ta' komunikazzjoni: videos qosra spjegattivi li fihom Membru tal-Qorti tal-Ġustizzja jippreżenta sentenza. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel id-deċiżjonijiet importanti tagħha iktar viżibbli u aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u għall-media.



Teħid ta' ġurament minn Membri ġodda

F'udjenza solenni, Marko Bošnjak ħa l-ġurament fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tiegħu bħala Mħallf tal-Qorti tal-Ġustizzja. Danutè Jočienė u Jörgen Hettne ħadu l-ġurament bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali.



Lulju



“EU Legal Summer School”

Fil-kuntest tal-promozzjoni tal-Lussemburgu bħala post ta' impjeg għall-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-Qorti tal-Ġustizzja kkoordinat l-ewwel “EU Legal Summer School”, okkażjoni li laqqgħet iktar minn 30 student u żagħżuġh professjonist ta' 24 nazżjonalità Ewropea.

Settembru



It-3 edizzjoni tal-Konferenza “EUnited in Diversity”

Il-Qorti Kostituzzjonali tal-Bulgarija ospitat it-3 edizzjoni tal-Konferenza “EUnited in Diversity”, organizzata b'kollaborazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja. Din is-sena, il-konferenza, li laqqgħet il-qrati kostituzzjonali tal-Istati Membri, ffokat fuq ir-rwol tal-ġustizzja kostituzzjonali fl-ordinament ġuridiku komuni tal-Unjoni Ewropea.



Dħul fil-kariga ta' Membri ġodda fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Qorti Ġenerali u tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali

Inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tat-tluq ta' ċerti Membri u tat-teħid ta' ġurament minn Membri ġodda. Alexander Kornezov sar Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-Qorti Ġenerali, daħlu fil-kariga Mħallfin ġodda: Francesco Bestagno, Raffaella Pezzuto u Tanja Pavelin.

Elezzjoni mill-ġdid tal-President u tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, Marc van der Woude ġie elett mill-ġdid bħala President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu 2025-2028. Savvas Papasavvas ġie wkoll elett mill-ġdid bħala Viċi President għall-istess perijodu.



Żjara mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Kostituzzjonali tal-Belġju

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja żaret lill-Qorti Kostituzzjonali tal-Belġju. Id-diskussjonijiet kienu jikkonċernaw ir-rwol tal-Qorti Kostituzzjonali bħala qorti Ewropea, id-drittijiet tal-barranin, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-bilanċ bejn is-sigurtà u l-ħajja privata f'ambjent diġitali.



Żjara mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Kostituzzjonali Taljana

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja żaret lill-Qorti Kostituzzjonali Taljana. Id-diskussjonijiet kienu jikkonċernaw ir-rwol tal-Qorti Kostituzzjonali bħala qorti Ewropea, l-Istat tad-dritt, is-sigurtà u l-ħajja privata, kif ukoll l-ażil u l-migrazzjoni.



Ottubru



Finali tal-Kompetizzjoni tal-Avukati Żgħażaġħ Ewropej

Il-Qorti tal-Ġustizzja ospitat il-finali tal-Kompetizzjoni tal-Avukati Żgħażaġħ Ewropej, organizzata mill-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA). Timijiet minn madwar l-Ewropa applikaw id-dritt tal-Unjoni dwar id-drittijiet diġitali, il-protezzjoni tad-data, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġustizzja transkonfinali. Huma għamlu sottomissjonijiet orali quddiem ġurija magħmula minn Imħallfin tal-Qorti Ġenerali u professjonisti legali.



Jum Miftuħ fil-Qorti tal-Ġustizzja

Bħal kull sena, il-Qorti tal-Ġustizzja fetħet il-bibien tagħha għall-pubbliku ġenerali biex turi x-xogħol, l-istorja u l-binjiet tagħha. L-edizzjoni tal-2025 ospitat kważi 2 600 viżitatur, li esploraw il-bini u l-proċeduri u ltaqgħu mal-persuni li jaħdmu fil-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li skoprew ir-rwol ċentrali tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-missjoni tal-Unjoni Ewropea.

Novembru



Żjara mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Ċipru

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja żaret Ċipru għal diskussjonijiet mal-Qorti Kostituzzjonali Suprema u mal-Qorti Suprema dwar l-ugwaljanza, il-protezzjoni tad-data u l-proċeduri ta' ażil. Id-delegazzjoni ltaqgħet ukoll mal-President Nikos Christodoulides, mal-Presidenta tal-Kamra tar-Rappreżentanti Annita Demetriou, mal-Ministru għall-Ġustizzja, Marios Hartsiotis u mal-Prosekutur Ġenerali George Savvides.

Żjara mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Suprema ta' Spanja

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja żaret il-Qorti Suprema ta' Spanja f'Madrid, fejn intlaqgħet mill-Presidenta tagħha, Isabel Perelló Doménech. Iż-żjara wasslet għal diversi skambji tematiċi dwar id-dritt tal-Unjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-isfidi relatati mal-Istat tad-dritt u mal-indipendenza ġudizzjarja.



Żjara mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem lill-Qorti tal-Ġustizzja

Delegazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għamlet żjara uffiċjali lill-Qorti tal-Ġustizzja. Din iż-żjara kienet tinkludi diversi diskussjonijiet dwar suġġetti ta' interess komuni, bħalma huma l-aħjar interessi tat-tfal, il-libertà ta' espressjoni fid-dinja diġitali u l-aċċess għall-proċeduri ta' ažił.



Laqgħa tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea

Is-7 edizzjoni tal-laqgħa annwali tal-korrispondenti tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea nżammet f'Lisbona, b'rappreżentanti ta' 47 qorti membru. Din il-laqgħa kienet iddedikata għad-djalogu ġudizzjarju Ewropew, b'attenzjoni partikolari fuq l-obbligu tal-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari.



Diċembru



Forum tal-Membri tal-Ġudikatura

Il-Qorti tal-Ġustizzja ospitat madwar 150 membru tal-ġudikatura mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan il-forum joffri lill-membri tal-ġudikatura nazzjonali l-opportunità li jiskambjaw opinjonijiet direttament mal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar suġġetti ta' interess komuni, sabiex b'hekk tissaħħaħ il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali.



Jum ta' sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà

Sabiex tiċċelebra l-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja organizzat jumejn ta' sensibilizzazzjoni. Numru ta' attivitajiet offrew l-opportunità li jiġu skoperti, permezz tal-arti, tal-kultura u tal-komunikazzjoni, il-valuri li jħaddnu l-persuni b'diżabbiltà: kreattività, reżiljenza quddiem ostakoli, awtentiċità u l-abbiltà li jkunu sors ta' ispirazzjoni għal kulħadd.



Il-finali tal-kompetizzjoni Thémis 2025

Il-Qorti tal-Ġustizzja ospitat il-finali tal-kompetizzjoni, miftuħa għall-membri futuri tal-ġudikatura tal-Unjoni f'taħriġ inizjali. Din il-kompetizzjoni hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN). Tmien timijiet minn sitt Stati Membri ppreżentaw il-ħidma tagħhom u t-tim tar-Rumanija rebaħ il-kompetizzjoni din is-sena.

Żjara mill-Kunsill tal-Kmamar tal-Avukati Ewropej (CCBE)

Delegazzjoni miċ-CCBE, li tirrappreżenta l-kmamar tal-avukati ta' 46 pajjiż u mmexxija mill-president tagħha, Thierry Wickers, għamlet żjara uffiċjali lill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-diskussjonijiet kienu jikkonċernaw il-proċeduri ġudizzjarji, l-indipendenza tal-avukati u l-iżviluppi teknoloġiċi, inklużi l-intelliġenza artifiċjali u x-xandir tas-seduti.



B. Sena f'ċifri

↳ L-istituzzjoni fl-2025

81 Imħallef minn 27 Stat Membru

Il-Qorti tal-Ġustizzja

27 Imħallef 11-il Avukat Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali

54 Imħallef

2 302

uffiċjali u membri tal-persunal

61 %
nisa

39 %
rġiel

In-nisa jokkupaw:

54 % tal-pożizzjonijiet ta' amministratur

50 % tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija f'livell intermedju jew superjuri

Il-proporzjon ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan l-amministrazzjoni jqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-medja superjuri tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Baġit: EUR 537 miljun

 e-Curia

Perċentwali tal-atti proċedurali ppreżentati permezz ta' e-Curia:

92 % quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

97 % quddiem il-Qorti Ġenerali

12 903 kontijiet ta' aċċess e-Curia

e-Curia hija applikazzjoni informatika li tippermetti lir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, kif ukoll lill-qrati nazzjonali fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali, jiskambjaw l-atti proċedurali mar-Reġistri b'mezzi esklużivament elettroniċi.

↘ Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali)

1 878 kawża mressqa

2 301 kawża maqtugħa

2 489 kawża pendenti

Tul medju tal-proċeduri: 18.2 xhur



↳ Id-dipartimenti lingwistiċi

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li fiha tkun tressqet. Hija mbagħad tippubblika l-ġurisprudenza tagħha bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

24
lingwa
tal-kawża

552
kombinazzjoni
lingwistika possibbli

600 ġurista lingwista sabiex jittraduċu
d-dokumenti miktuba

1 405 000 paġna għat-traduzzjoni

1 386 000 paġna tradotti

511

seduta u laqgħat li bbenefikaw
mill-interpretazzjoni simultanja

69

interpretu għas-seduti
għas-sottomissjonijiet orali u
għal-laqgħat

Multilingwiżmu fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni
Ewropea – Garanzija ta' aċċess ugwali għall-
ġustizzja



[Ara l-video](#)



Fil-Qorti tal-Ġustizzja, it-traduzzjonijiet jitwettqu skont sistema lingwistika obbligatorja, li tipprevedi l-possibbiltà li jintużaw l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-dokumenti li għandhom jiġu tradotti huma kollha testi legali tekniċi ħafna. Huwa għalhekk li d-dipartiment lingwistiku tal-Qorti tal-Ġustizzja jimpjega biss ġuristi lingwisti li jkollhom taħriġ legali sħiħ, kif ukoll għarfien profund ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali minbarra l-ilsien matern tagħhom.





2

L-attività ġudizzjarja



A. Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2025

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tisma' kawżi, prinċipalment, dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari. Meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni jew dwar il-validità tagħha, hija għandha tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja li tindirizza dawn id-dubji, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża li jkollha quddiemha. Fil-kawżi li jeħtieġu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll mal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, eċċ.), hija prevista proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' wkoll tiġi adita b'rikorsi diretti, intiżi jew sabiex jinkiseb l-annullament ta' att tal-Unjoni ("rikors għal annullament"), jew sabiex jiġi kkonstatat li Stat Membru ma josservax id-dritt tal-Unjoni ("rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas min-naħa tiegħu, rikors ieħor, imsejjaħ "rikors għat-tieni nuqqas", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni pekunjarja.

Barra minn hekk, jistgħu jiġu ppreżentati appelli mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tannulla dawn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

Fl-aħħar nett, jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talbiet għal opinjoni dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni jkollha l-intenzjoni li tikkonkludi ma' Stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali (impressqa minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea).



Koen Lenaerts

President tal-Qorti
tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea

↳ L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Is-sena 2025 kienet sena kruċjali minn diversi aspetti.

Qabel kolloxx, hija kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tal-aħħar parti tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea prevista mir-[Regolament 2024/2019](#) u intiża sabiex ittejjeb il-bilanċ fl-ammont ta' xogħol bejn iż-żewġ qrati tal-Unjoni bl-għan aħħari li jingħataw deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' kwalità fl-iqsar żmien possibbli.

Din l-aħħar fażi kienet tinkludi b'mod partikolari t-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2024, f'sitt oqsma speċifiċi (VAT, dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali, klassifikazzjoni tariffarja, drittijiet tal-passiġġieri u sistema ta' skambju tal-kwoti ta' emissjonijiet). Dan it-trasferiment huwa bbażat fuq il-mekkaniżmu ta' "one-stop shop", fejn it-talbiet kollha għal

889

kawża mressqa

580 proċedura għal deċiżjoni preliminari, li minnhom 4 kienu proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet

L-Italja:	110
Il-Polonja:	63
Il-Ġermanja:	61
L-Awstrija:	47
Il-Bulgarija:	42

58 rikors dirett, li minnhom: 49 rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u 1 rikors għat-"tieni nuqqas"

245 appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali

1 talba għal opinjoni

5 talbiet għal għajnuna legali

deċiżjonijiet preliminari jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Meta talba għal deċiżjoni preliminari taqa' f'wieħed minn dawn is-sitt oqsma, il-President, wara li jinstemgħu l-Viċi President u l-Avukat Ġenerali Ewlieni, jew wara li jikkonsulta mal-Laqgħa Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiddeċiedi jekk din it-talba għandhiex tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali jew jekk għandhiex tinżamm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-2025, mill-74 talba għal deċiżjonijiet preliminari eżaminati mill-"one-stop shop", 65 ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali. Id-deċiżjonijiet ta' trasferiment setgħu jittieħdu fi żmien qasir bis-saħħa tal-involvement kostanti tal-uffiċċji tal-Imħallfin u tad-dipartimenti, b'mod partikolari tar-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja u tad-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni.

Sussegwentement, fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sena 2025 kienet ikkaratterizzata mill-wasla tal-imħallief Sloven il-ġdid, Marko Bošnjak, li ħa l-pożizzjoni li tħalliet vakanti wara li tlfna, fl-20 ta' Ġunju 2024, lill-għażiż kollega tagħna, Marko Ilešič, u mit-tluq tal-ewwel Imħallief Bulgaru fil-Qorti tal-Ġustizzja, Alexander Arabadjiev, li ġie sostitwit minn Alexander Kornezov, li qabel kien Imħallief fil-Qorti Ġenerali.

Fl-aħħar nett, is-sena 2025 kienet sena importanti fejn tidħol il-politika ta' komunikazzjoni u ta' trasparenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sar progress sinjifikattiv sabiex il-ġustizzja Ewropea tkun dejjem eqreb lejn iċ-ċittadini u sabiex il-bżonnijiet tal-professionisti legali jkunu indirizzati aħjar.

F'termini ta' komunikazzjoni, minbarra t-tnedija ta' programmi awdjoviżivi spjegattivi li fihom il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja jippreżentaw b'mod qasir uħud mill-iktar sentenzi importanti mogħtija minn din il-qorti, sar progress sinjifikattiv fuq diversi proġetti kbar bil-għan li jiġu implimentati fil-bidu tas-sena 2026: id-disinn mill-ġdid tas-sit internet Curia, l-iżvilupp ta' magna ta' tfittxija mill-iktar moderni għall-utenti esterni u l-iżvilupp ta' Curia Web TV f'verżjoni aċċessibbli għall-utenti kollha tal-internet. Dawn l-iżviluppi ser itejbu sinjifikattivament l-aċċess għall-informazzjoni ġudizzjarja għal kulħadd.

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika minn għajnuna legali.

Fir-rigward tal-estensjoni, mill-1 ta' Settembru 2024, tal-mekkaniżmu għall-ammissjoni preliminari tal-appelli mis-sentenzi u mid-digriet tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjonijiet ta' sitt Bordijiet ta' Appell indipendenti ġodda u dwar tilwimiet relatati mal-eżekuzzjoni ta' kuntratti li jkun fihom klawżola ta' arbitraġġ, din l-estensjoni għet implimentata b'mod konsistenti mal-prattika li għet żviluppata sa mill-introduzzjoni ta' dan il-mekkaniżmu. B'hekk, mis-36 talba eżaminati mill-Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli, żewġ talbiet, fosthom waħda dwar tilwima ta' natura kuntrattwali (digriet fil-kawża SC vs Eulex Kosovo [C-881/24 P](#)) li issa taqa' fil-kompetenza ta' din l-awla, intlaqgħu minħabba li kienu jqajmu kwistjonijiet importanti għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

Fir-rigward tat-tishiġ tat-trasparenza tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom jissemmew ukoll, minn naħa, il-pubblikazzjoni tan-noti u tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari, deċiża fil-kuntest tal-aħħar riforma tas-sistema ġudizzjarja, kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-adozzjoni, fl-1 ta' April 2025, tad-deċiżjoni dwar ir-regoli u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tax-xandir tas-seduti. Dan ix-xandir għandu jwassal għal komprensjoni aħjar tar-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-attivitajiet tagħha u għandu jiżgura aċċess usa' kemm għall-motivi, għall-argumenti u għall-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet, kif ukoll għall-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali u għas-sentenzi mogħtija mill-qorti.

Minbarra l-attività ġudizzjarja fil-veru sens tal-kelma tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet bl-isforzi tagħha fil-qasam tat-taħriġ, tal-komunikazzjoni u tal-iskambji mal-qrati tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fit-3 sal-5 ta' Settembru 2025 f'Sofija (il-Bulgarija), inżammet it-tielet edizzjoni tal-konferenza "EUited in diversity", li tiġbor flimkien il-qrati kostituzzjonali u l-istituzzjonijiet ekwivalenti li jeżerċitaw kompetenza kostituzzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-għan li jingħata spinta lid-djalogu ġudizzjarju u li jissaħħu l-interazzjonijiet fl-ordinament ġuridiku komuni li jikkostitwixxu l-Unjoni u s-sistemi legali tal-Istati Membri. Fl-1 u fit-2 ta' Diċembru 2025, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet madwar 150 imħallef mill-Istati Membri fl-okkażjoni tal-Forum tal-Membri tal-Ġudikatura annwali tagħha. Dan il-forum, organizzat għall-ewwel darba fl-1968, joffri lill-imħallfin nazzjonali l-opportunità li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja u li jiskambjaw direttament mal-Membri tagħha fi ħdan l-istess istituzzjoni dwar suġġetti ta' interess komuni, sabiex b'hekk tissaħħaħ il-kooperazzjoni mill-qrib li torbotha mal-qrati nazzjonali. Għandha tiġi indikata wkoll l-iżvilupp tal-laqqgħat u tat-taħriġ organizzati fil-qafas tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (NGUE) u f'kooperazzjoni man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (NETĠ), b'rabta b'mod partikolari mal-proċedura għal deċiżjoni preliminari. Fl-aħħar nett, f'Diċembru 2025, il-Qorti tal-Ġustizzja ospitat, għall-ewwel darba, il-finali tal-kompetizzjoni *Themis* organizzata min-NETĠ. Din il-kompetizzjoni prestiġjuża toffri opportunità unika lil imħallfin jew prosekuturi futuri mill-erbat irjieħ tal-Ewropa sabiex itejbu l-għarfien Prattiku tagħhom fid-dritt tal-Unjoni, u b'hekk jipparteċipaw fil-konsolidazzjoni ta' kultura ġudizzjarja komuni fi ħdanha.

Fir-rigward tal-istatistika tas-sena li għaddiet, din għadha turi numru għoli kemm ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (889) u kemm ta' kawżi magħluqa minnha (774), fejn dan in-numru tal-aħħar huwa dovut, fil-parti l-kbira tiegħu, għat-tibdil parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2024. B'hekk, in-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2025 kien ta' 1 322 kawża. It-tul medju tal-proċeduri, meta jitqiesu t-tipi kollha ta' kawżi, kien, fl-2025, ta' 16.7 xhur.



774 kawża maqtugħa

561 proċedura għal deċiżjoni preliminari, li minnhom 3 kienu proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

51 rikors dirett, li minnhom: 38 nuqqas ikkonstatat kontra 20 Stat Membru

5 sentenzi dwar it-"tieni nuqqas"

156 appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali, li minnhom: 24 appell li jannullaw id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali

Tul medju tal-proċeduri: 16.7 xhur

Tul medju tal-proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari: 3.4 xhur

1 322

kawżi pendenti

fil-31 ta' Diċembru 2025

Suġġetti ewlenin ittrattati:

Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja	142
Għajjnuna mill-Istat u kompetizzjoni	132
Politika ekonomika u monetarja	111
Libertà ta' moviment u ta' stabbiliment - suq intern	106
Protezzjoni tal-konsumaturi	95
Politika estera u ta' sigurtà komuni	79
Aprossimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet	76
Ambjent	63
Politika soċjali	52
Trasport	47



[Ara l-istatistika ddettaljata tal-Qorti tal-Ġustizzja.](#)



↘ Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kkostitwita minn 27 Imħallef u minn 11-il Avukat Ġenerali.

L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati proposti li jaqdu l-funzjonijiet inkwistjoni. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded.

Huma jintgħażlu minn fost personalitajiet li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jokkupaw, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, l-ogħla karigi ġudizzjarji, jew li huma ġuristi ta' kompetenza magħrufa.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jaħtru minn fosthom il-President u l-Viċi President. L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Avukati Ġenerali huma mistennija jippreżentaw, b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, opinjoni ġuridika, imsejħa "konklużjonijiet", fil-kawżi li jiġu assenjati lilhom. Dawn il-konklużjonijiet ma humiex vinkolanti, imma jippermettu li tingħata ħarsa addizzjonali lejn is-suġġett tat-tilwima.

Fl-2025, daħlu fil-kariga bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja: f'Ġunju, Marko Bošnjak (is-Slovenja), li ħa post Marko Ilešič, u f'Settembru, Alexander Kornezov (il-Bulgarija), li ħa post Alexander Arabadjiev.





K. Lenaerts
President



T. von Danwitz
Viċi President



F. Biltgen
President tal-Ewwel
Awla



K. Jürimäe
Presidenta tat-Tieni
Awla



C. Lycourgos
President tat-Tielet
Awla



I. Jarukaitis
President tar-Raba'
Awla



**M. L. Arastey
Sahún**
Presidenta tal-
Ħames Awla



M. Szpunar
Avukat Ġenerali
Ewlieni



I. Ziemele
Presidenta tas-Sitt
Awla



J. Passer
President tal-Għaxar
Awla



**O. Spineanu-
Matei**
Presidenta tat-Tmien
Awla



M. Condiñanzi
President tad-Disa'
Awla



F. Schalin
President tas-Seba'
Awla



J. Kokott
Avukata Ġenerali



S. Rodin
Imħallef



**M. Campos
Sánchez-Bordona**
Avukat Ġenerali



E. Regan
Imħallef



**N. J. Cardoso da
Silva Piçarra**
Imħallef



A. Kumin
Imħallef



N. Jääskinen
Imħallef



J. Richard de la Tour
Avukat Ġenerali



A. Rantos
Avukat Ġenerali



D. Gratsias
Imħallef



M. Gavalec
Imħallef



N. Emiliou
Avukat Ġenerali



Z. Csehi
Imħallef



T. Čapeta
Avukata Ġenerali



L. Medina
Avukata Ġenerali



B. Smulders
Imħallef



D. Spielmann
Avukat Ġenerali



A. Biondi
Avukat Ġenerali



S. Gervasoni
Imħallef



N. Fenger
Imħallef



R. Frenco
Imħallef



R. Norkus
Avukat Ġenerali



M. Bošnjak
Imħallef



A. Kornezov
Imħallef



A. Calot Escobar
Reġistratur

B. Il-Qorti Ġenerali fl-2025

Il-Qorti Ġenerali tista' prinċipalment tiġi adita, fl-ewwel istanza, b'rikorsi diretti ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi (individwi, kumpanniji, assoċjazzjonijiet, eċċ.), meta dawn ikunu individwalment u direttament ikkonċernati, u mill-Istati Membri kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll b'rikorsi diretti intiżi li jinkiseb il-kumpens għad-danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-membri tal-persunal tagħhom.

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell, fuq punti ta' liġi biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawżi li diġà jkunu bbenefikaw minn eżami doppju (minn Bord tal-Appell indipendenti, u mbagħad mill-Qorti Ġenerali), il-Qorti tal-Ġustizzja tisma' l-appell biss jekk dan l-appell iqajjem kwistjoni ta' natura sinjifikattiva għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

Mill-1 ta' Ottubru 2024, il-Qorti Ġenerali għandha wkoll kompetenza sabiex tiegħu konjizzjoni tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, ittrasferiti mill-Qorti tal-Ġustizzja, li jaqgħu esklużivament taħt wieħed jew iktar mis-sitt oqsma speċifiċi li ġejjin: is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud; id-dazji tas-sisa; il-Kodiċi Doganali; il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda; il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport; u s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Il-parti kbira mill-kawżi mressqa quddiemha huma ta' natura ekonomika: proprjetà intellettuali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajna mill-Istat u sorveljanza bankarja u finanzjarja. Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti sabiex taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku dwar tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha.



Marc van der Woude

President tal-Qorti Ġenerali
tal-Unjoni Ewropea

↘ L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali

Għall-Qorti Ġenerali, is-sena 2025 kienet ikkaratterizzata b'mod partikolari minn żewġ avvenimenti li seħħew f'Settembru, jiġifieri, minn naħa, it-tibdil parzjali tagħha u, min-naħa l-oħra, it-tmiem tal-perjodu tranżitorju fir-rigward tat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari.

Fil-15 ta' Settembru 2025, tliet Membri telqu mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tat-tibdil parzjali, jiġifieri l-Imħallef Vesna Tomljenović, il-President ta' Awla Roberto Mastroianni u l-Presidenta ta' Awla Ornelkla Porchia, filwaqt li Alexander Kornezov inħatar bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti Ġenerali tiringrazzjahom għall-kontribut siewi tagħhom għall-ġurisprudenza tagħha. Fl-istess data, l-Imħallfin Francesco Bestagno, Raffaella Pezzuto u

989

kawża mressqa

820

rikors dirett, li minnhom:

Propjetà intellettuali u industrijali	257
Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea	109
Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni	109

21 rikors ippreżentati mill-Istati Membri

65 rinviju għal deċiżjoni preliminari

52 talba għal għajnuna legali

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika minn għajnuna legali.

Tanja Pavelin ħadu l-ġurament bħala Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali. Il-kulleġġ il-ġdid ikkostitwit b'dan il-mod imbagħad eleggja mill-ġdid, għal mandat ta' tliet snin, il-President u l-Viċi President tal-Qorti Ġenerali kif ukoll għaxar Presidenti ta' Awla.

Dawn l-avvenimenti kkoinċidew ukoll mat-tmiem tal-perjodu tranżitorju li l-Qorti Ġenerali kienet stabbilixxiet wara t-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali previst fir-Regolament 2024/2019 (riforma li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2024). Internament, dan wassal għall-ħolqien ta' żewġ awli speċjalizzati għat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, fejn kull waħda minn dawn l-awli hija kkostitwita minn sitt Imħallfin, li wieħed minnhom jiġi elett bħala Avukat Ġenerali għat-trattament ta' dawn it-talbiet. Fil-fatt, u b'differenza mir-rikorsi diretti, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jiġu inizjalment assenjati lil kulleġġ ġudikanti b'ħames Imħallfin, bla ħsara għall-possibbiltà li kawża mbagħad tintbagħat quddiem kulleġġ ġudikanti differenti. Sabiex jiġi żgurat l-aħjar trattament possibbli tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti Ġenerali eleġġiet ukoll żewġ Imħallfin sabiex jissostitwixxu l-imsemmija Avukati Ġenerali fil-każ ta' impediment min-naħa tagħhom.

Din ir-riorganizzazzjoni u l-wasla ta' Membri ġodda madankollu kellhom impatt pożittiv fuq l-attività ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali peress li, matul l-2025, din tal-aħħar irnexxielha tagħlaq 1 527 kawża (inklużi 404 kawżi magħquda mressqa minn ex Membri tal-Parlament Ewropew kontra l-Parlament Ewropew dwar l-iskema tal-pensjoni addizzjonali), li huwa rekord storiku assoluta għaliha. Meta jitqiesu d-989 kawża mressqa, in-numru ta' kawżi pendenti fl-aħħar tas-sena naqas għal 1 167. Fir-rigward b'mod aktar partikolari tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, 65 talba ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali fl-2025 u 16-il talba ġew deċiżi.

It-tul medju tal-proċeduri kien, meta jitqiesu l-oqsma u d-deċiżjonijiet kollha, ta' 18.9 xhur. Meta l-404 kawżi essenzjalment identiċi jitqiesu daqslikieku kawża waħda, it-tul medju tal-proċeduri jonqos għal 16-il xahar. Għat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul kien iqsar u kien ta' 6.2 xhur.

Fl-2025, 34.7% tal-kawżi magħluqa kienu deċiżi minn kulleġġi ġudikanti kkostitwiti minn ħames Imħallfin (fosthom l-404 kawżi magħquda msemmija iktar 'il fuq). Fost l-iktar kawżi importanti (ara l-kapitolu "Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena"), tnejn minnhom ġew deċiżi mill-Awla Manja, komposta minn 15-il Imħallef, u tnejn mill-Awla Intermedja b'9 Mħallfin, awla li l-Qorti Ġenerali sawret fil-kuntest tal-aħħar riforma tagħha fl-2024. Dawn kienu l-kawżi *Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni* u *L-Awstrija vs Il-Kummissjoni* (Awla Manja), kif ukoll il-kawżi magħquda *YL vs Il-Kunsill* u *YL vs Il-Kunsill u EUIPO* (Awla Intermedja).

Matul din l-ewwel sena sħiħa mit-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari fl-1 ta' Ottubru 2024, il-Qorti Ġenerali rnexxielha tikkonsolida l-missjoni l-ġdida tagħha u tintegra b'mod sħiħ it-trattament ta' dawn it-talbiet fil-funzjonament intern tagħha, filwaqt li fl-istess ħin qatgħet, b'mod ġenerali, numru eċċezzjonalment kbir ta' kawżi. Permezz tat-trattament effettiv u proattiv tal-kawżi, kif il-Qorti Ġenerali rnexxielha turi, din tal-aħħar tinsab lesta, iktar minn qatt qabel, sabiex tindirizza sfidi ġodda.



Savvas Pappasavvas

Viċi President tal-Qorti
Ġenerali tal-Unjoni
Ewropea

➤ Żviluppi importanti fil- ġurisprudenza

Is-sena 2025 kienet ikkaratterizzata prinċipalment mill-effetti tar-riforma introdotta bir-[Regolament 2024/2019](#). Adottata f'kuntest ta' żieda kemm fin-numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari pendenti kif ukoll fit-tul medju tat-trattament tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din ir-riforma tagħmel żewġ bidliet kbar fi ħdan il-Qorti Ġenerali sa fejn toħloq kulleġġi ġudikanti ġdid, minn naħa, u tittrasferixxi parti mill-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali, min-naħa l-oħra.

F'dan il-kuntest, l-Awla Intermedja, komposta minn 9 Mħallfin, tat l-ewwel sentenza tagħha u ġiet assenjata diversi kawżi. Il-ħolqien ta' din l-awla kien ir-riżultat tax-xewqa li tinżamm b'mod partikolari l-konsistenza tad-deċiżjonijiet preliminari mogħtija mill-Qorti Ġenerali u tar-rieda li tiġi żgurata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

L-Awla għad-Deċiżjonijiet Preliminari tal-Qorti Ġenerali tat ukoll l-ewwel deċiżjonijiet tagħha. Dawn id-deċiżjonijiet jirrigwardaw żewġ oqsma speċifiċi mis-sitta ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali. Dawn l-oqsma kienu, b'mod partikolari, id-dazji tas-sisa u s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Għalhekk, fl-ewwel kawża għal deċiżjoni preliminari deċiża mill-Qorti Ġenerali, li wasslet għas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2025, *Gotek* ([T-534/24](#)), it-talba kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE u kienet tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn persuna fiżika u l-Ministeru għall-Finanzi tal-Kroazja dwar l-irkupru tad-dazji tas-sisa dovuti minn din il-persuna, fil-kuntest tal-kunsinna fittizja ta' prodotti suġġetti għas-sisa u li kienu jinsabu fuq fatturi foloz.

Fir-rigward tas-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru 2025, *Versäofast* ([T-657/24](#)), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar talba għal deċiżjoni preliminari li kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE u li kienet tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn *Versäofast* u l-awtorità tat-taxxa rigward l-attivitàjiet ta' intermedjarju tal-kreditu li kienu eżerċitati minn din il-kumpanija u li din l-awtorità tat-taxxa kienet ikklassifikat bħala tranżazzjonijiet ta' negozjar tal-kreditu eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud.

L-Avukati Ġenerali li jassistu lill-Qorti Ġenerali fit-trattament tat-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari ppreżentaw ukoll l-ewwel konklużjonijiet tagħhom.

B'hekk, fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża *Accorinvest* ([T-653/24](#)), ippreżentati fid-29 ta' Ottubru 2025, l-Avukata Ġenerali Maja Brkan eżaminat talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, talba li fil-kuntest tagħha l-Qorti Ġenerali hija mitluba tiddetermina jekk il-kontribuzzjoni tariffarja tat-trasport tistax tiġi kklassifikata bħala "taxxa indiretta addizzjonali" fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/118 u jekk taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Min-naħa tiegħu, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża *European Air Charter* ([T-656/24](#)), ippreżentati fis-26 ta' Novembru 2025, l-Avukat Ġenerali José Martín y Pérez de Nanclares eżamina t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf (il-Ġermanja), li talbet lill-Qorti Ġenerali tippreċiża l-kunċett ta' "rabta kawżali 'diretta'" bejn il-fatt li ssejtni ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 li tkun affettwat titjira u d-dewmien ta' titjira sussegwenti.

It-trasferiment ta' parti mill-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali huwa pass importanti għal din il-qorti li l-missjoni inizjali tagħha kienet li tiddeċiedi tilwimiet li jeħtieġu eżami fil-fond ta' fatti kumplessi u li issa ġiet fdata b'missjoni ta' djalogu mal-qrati nazzjonali. Is-sena li għaddiet uriet li l-Qorti Ġenerali kienet kapaċi twettaq dak li huwa mistenni minnha, kemm fir-rigward tal-kwalità tal-ewwel deċiżjonijiet tagħha kif ukoll fir-rigward tat-tul medju tal-proċeduri.



1 527

kawża maqtugħa

1 399

rikors dirett, li minnhom:

Proprjetà intellettuali u industrijali	303
Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni	126
Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea	67

16-il rinviju għal deċiżjoni preliminari

Tul medju tal-proċeduri: 18.9 xhur

Perċentwali ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja: 26 %

1 167

kawża pendenti
(fil-31 ta' Diċembru 2025)

Suġġetti ewlenin ittrattati:

Proprjetà intellettuali u industrijali	276
Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea	276
Miżuri restrittivi	125
Dritt istituzzjonali	88
Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni	66
Ambjent	63
Politika ekonomika u monetarja	46
Aċċess għal dokumenti	40
Tassazzjoni	40
Kuntratti pubbliċi	37

In-numru totali ta' kawżi maqtugħa jinkludi 404 kawżi, essenzjalment identiċi u maqgħuda, dwar l-iskema tal-pensjoni addizzjonali tal-Membri tal-Parlament Ewropew.



[Ara l-istatistika ddettaljata tal-Qorti Ġenerali](#)





↘ Il-Membri tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali hija kkostitwita minn żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru.

L-Imħallfin jintgħażlu minn fost persuni li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jokkupaw l-ogħla karigi ġudizzjarji. Huma jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded. Huma jinnominaw minn fosthom, għal tliet snin, il-President u l-Viċi President. Huma jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

F'Ġunju 2025 żewġ Membri ġodda daħlu fil-kariga fil-Qorti Ġenerali: L-Imħallf Jörgen Hettne (Isvezja) u l-Imħallf Danutè Jočienè (il-Litwanja), li ħadu post, rispettivament, Fredrik Schalin, li fl-2024 inħatar bħala Mħallf fil-Qorti tal-Ġustizzja, u Rimvydas Norkus, li fl-2024 inħatar bħala Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

Bit-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali f'Settembru 2025, daħlu fil-kariga tliet Membri ġodda, l-Imħallf Francesco Bestagno (l-Italja) u l-Imħallf Raffaella Pezzuto (l-Italja), li ħadu post, rispettivament, Roberto Mastroianni u Ornella Porchia, kif ukoll l-Imħallf Tanja Pavelin (il-Kroazja), li ħadet post Vesna Tomljenović.





M. van der Woude
President



S. Papisavvas
Viċi President



E. Buttigieg
President tal-Ewwel
Awla



N. Póltorak
Presidenta tat-Tieni
Awla



**K. Kowalik-
Bańczyk**
Presidenta tat-Tielet
Awla



G. De Baere
President tar-Raba'
Awla



**M. Sampol
Pucurull**
President tal-Ħames
Awla



**P. Škvařilová-
Pelzl**
Presidenta tas-Sitt
Awla



K. Kecsmár
President tas-Seba'
Awla



I. Gâlea
President tat-Tmien
Awla



S. Kingston
Presidenta tad-Disa'
Awla



S. L. Kalêda
President tal-Ġhaxar
Awla



M. Jaeger
Imħallef



H. Kanninen
Imħallef



J. Schwarcz
Imħallef



M. Kancheva
Imħallef



L. Madise
Imħallef




A. Marcoulli
Imħallef



I. Reine
Imħallef



R. da Silva Passos
Imħallef



P. Nihoul
Imħallef



J. Svenningsen
Imħallef



U. Öberg
Imħallef



M. J. Costeira
Imħallef



C. Mac Eochaidh
Imħallef



T. Pynnä
Imħallef




L. Truchot
Imħallef



J. Laitenberger
Imħallef



**J. Martín y Pérez
de Nanclares**
Imħallef



G. Hesse
Imħallef



M. Stancu
Imħallef



I. Nõmm
Imħallef



G. Steinfatt
Imħallef



T. Perišin
Imħallef



D. Petrлік
Imħallef



M. Brkan
Imħallef



P. Zilgalvis
Imħallef



I. Dimitrakopoulos
Imħallef



D. Kukovec
Imħallef



T. Tóth
Imħallef



B. Ricziová
Imħallef



E. Tichy-Fisslberger
Imħallef



W. Valasidis
Imħallef



S. Verschuur
Imħallef



**L. Spangsberg
Grønfeldt**
Imħallef



H. Cassagnabère
Imħallef



R. Meyer
Imħallef



J. Hettne
Imħallef



D. Jočienė
Imħallef



F. Bestagno
Imħallef



R. Pezzuto
Imħallef



T. Pavelin
Imħallef



V. Di Bucci
Reġistratur

Ordni protokollari b'effett mis-16 ta' Settembru 2025

C. Il-ġurisprudenza fl-2025

[●] **Focus** Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u l-“passaporti tad-deheb”

 Sentenza *Il-Kummissjoni vs Malta (Ċittadinanza permezz ta' investment)* ([C-181/23](#))

Fl-2014, Malta introduċiet mekkaniżmi li kienu jippermettu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu n-nazzjonalità Maltija billi jagħmlu, bħala korrispettiv, kontribuzzjonijiet finanzjarji u investimenti. Fl-2020, din l-iskema ġiet issostitwita bi programm ġdid ta' "ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali b'investment dirett". Din l-iskema kienet tippermetti lil investitur barrani, kif ukoll lil ċerti membri tal-familja tiegħu, jiksbu n-nazzjonalità Maltija billi jħallsu somom kbar ta' flus lill-Istat, jixtru jew jikru proprjetà immobbli Malta, jagħmlu donazzjoni lil organizzazzjoni approvata u jissodisfaw rekwiżit ta' residenza msejħa legali, li t-tul tagħha seta' jtnaqqas billi jsir ħlas addizzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea kkunsidrat li dan il-programm kien iqajjem diffikultajiet fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni għaliex l-akkwist minn persuna tan-nazzjonalità ta' Stat Membru jagħtih awtomatikament iċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, il-programm Malti ġdid introdott fl-2020 kien ibbażat fuq loġika essenzjalment tranżazzjonali. Il-kundizzjonijiet finanzjarji kienu l-element ċentrali tiegħu, filwaqt li r-rekwiżit ta' residenza ma kienx jeħtieġ preżenza effettiva u fit-tul fit-territorju. Il-possibbiltà li t-tul tar-residenza jtnaqqas b'mod sinjifikattiv billi jsir ħlas ogħla kienet turi li r-rabta bejn l-applikant u l-Istat Membru ma kinitx fattur determinanti għall-għoti tan-nazzjonalità. Il-Kummissjoni għalhekk qieset li din l-iskema kienet twassal għal forma ta' kummerċjalizzazzjoni taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li hija inkompatibbli man-natura ta' dan l-istatus.

Il-Kummissjoni fetħet kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li fakkret li iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri. Din iċ-ċittadinanza tagħti drittijiet u timponi obbligi, u hija bbażata fuq relazzjoni speċjali ta' solidarjetà u ta' lealtà bejn l-Istat u iċ-ċittadini tiegħu. Din ir-relazzjoni hija wkoll il-bażi tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li wasslet għall-introduzzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea meta ġie adottat it-Trattat ta' Maastricht, b'kull Stat Membru jaċċetta l-effetti tad-deċiżjonijiet tal-oħrajn f'materji ta' nazzjonalità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-kuntest ta' dan il-programm, l-għoti tan-nazzjonalità Maltija kien jiddependi prinċipalment mill-osservanza ta' kundizzjonijiet finanzjarji ddeterminati minn qabel u li r-rekwiżit ta' residenza, peress li ma kienx jeħtieġ prova ta' residenza effettiva fit-tul f'Malta, ma kienx jimplika integrazzjoni effettiva fis-soċjetà Maltija. Hija osservat li dawn il-konstatazzjonijiet ma setgħux jiddaħħlu inkwistjoni permezz tal-verifiki tas-sigurtà u tar-reputazzjoni invokati minn Malta, peress li dawn kienu essenzjalment limitati sabiex jipprevjenu ċerti riskji għall-interess pubbliku.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li programm ta' naturalizzazzjoni bbażat fuq tali proċedura tranżazzjonali kien imur kontra n-natura stess taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Stat Membru li jagħti n-nazzjonalità tiegħu, u għalhekk iċ-ċittadinanza Ewropea, prinċipalment bi skambju għal flasijiet jew investimenti ddeterminati minn qabel, mingħajr ma jeħtieġ rabta awtentika ta' solidarjetà u ta' lealtà bejnu u l-applikant għan-naturalizzazzjoni, jippreġudika l-fiduċja reċiproka li fuqha hija bbażata l-Unjoni.

Għalhekk, billi stabbilixxiet u implimentat dan il-programm ta' ċittadinanza permezz ta' investiment, Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bħala Stat Membru u kisret il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

X'inhi iċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea?

Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea hija waħda mill-aspetti essenzjali tal-proġett Ewropew. Introdotta mit-Trattat ta' Maastricht u llum 'il ġurnata stabbilita fl-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), hija tagħti lil kull persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru status komuni, li jżied maċ-ċittadinanza nazzjonali mingħajr ma jissostitwixxiha. Dan l-istatus jagħti drittijiet importanti, bħalma huwa d-dritt li wieħed jiċċaqtaq u jgħix liberament fl-Istati Membri, id-dritt li wieħed ivvota u jkkontesta fl-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej fl-Istat Membru ta' residenza, kif ukoll id-dritt għall-protezzjoni diplomatika u konsulari minn Stati Membri oħra f'pajjiżi terzi.

Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija bbażata fuq is-solidarjetà u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u iċ-ċittadini tagħhom. L-għoti tagħha jirriżulta awtomatikament mill-kwalità ta' ċittadin ta' Stat Membru, li hija bbażata fuq l-eżistenza ta' relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà bejn dan iċ-ċittadin u dan l-Istat Membru. Hija din ir-relazzjoni partikolari li tiġġustifika l-għoti ta' drittijiet li huma marbuta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni, u li jistgħu jiġu eżerċitati fl-Unjoni kollha.

Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

Sa mill-introduzzjoni tagħha permezz tat-Trattat ta' Maastricht (1993), il-portata preċiża taċ-ċittadinanza tal-Unjoni ġiet iċċarata gradwalment permezz tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sa mis-sentenza Martínez Sala ([C-85/96](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni kien jippermetti, f'ċerti sitwazzjonijiet, li jiġi invokat direttament il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità. Dan l-iżvilupp ġie kkonfermat fis-sentenza Grzelczyk ([C-184/99](#)), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja affermat li iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija intiża li tkun l-"istatus fundamentali" taċ-ċittadini tal-Istati Membri, affermazzjoni din li kienet tirrappreżenta punt simboliku u ġuridiku importanti fl-integrazzjoni Ewropea.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata u l-limiti ta' dan l-istatus. Fis-sentenza Rottmann ([C-135/08](#)), hija ddeċidiet li d-deċiżjonijiet nazzjonali dwar it-telf tan-nazzjonalità, meta jwasslu għat-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità. Ftit wara, fis-sentenza Zambrano ([C-34/09](#)), hija kkonfermat li wild ta' età żgħira, li jkollu n-nazzjonalità ta' Stat Membru u li għalhekk ikun ċittadin tal-Unjoni, għandu jkun jista' jgawdi effettivament mis-sustanza tad-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus. B'hekk, permess ta' residenza ma jstax jiġi miċħud lill-ġenituri tiegħu meta dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jekk il-ġenituri ma jkollhomx tali permess, dan il-wild ikun imġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni sabiex jakkumpanja lill-ġenituri tiegħu u b'hekk jiġi mċaħħad mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija miċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

Bl-istess mod, fis-sentenza Stolichna obshtina, rayon “Pancharevo” ([C-490/20](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru huwa obbligat jirrikonoxxi, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, rabta ta’ filjazzjoni legalment stabbilita fi Stat Membru ieħor ma’ żewġ persuni tal-istess sess sabiex jggarantixxi lill-wild it-tgawdija effettiva tad-drittijiet marbuta ma’-ċittadinanza tal-Unjoni, b’mod partikolari l-libertà ta’ moviment. F’din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja b’hekk stabbilixxiet kunċett ta’ ċittadinanza Ewropea li tiġi eżerċitata fil-prattika permezz tad-dritt li wieħed jgħix f’familja normali.

Fl-aħħar nett, iktar reċentement, fis-sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet ([C-689/21](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, għalkemm l-Istati Membri jibqgħu kompetenti f’materji ta’ nazjonalità, huma għandhom jeżerċitaw din il-kompetenza b’mod li ma jippreġudikawx b’mod sproporzjonat is-sustanza stess tad-drittijiet mogħtija miċ-ċittadinanza tal-Unjoni, u b’hekk enfasizzat għal darba oħra n-natura ċentrali u protettiva ta’ dan l-istatus fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

Ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt:

- jidher liberament, jgħix, jaħdem jew jistudja fi Stat Membru ieħor;
- jivvota u joħroġ għall-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej fl-Istat Membru ta’ residenza tiegħu;
- jibgħat petizzjoni lill-Parlament Ewropew jew inizjattiva ta’-ċittadini lill-Kummissjoni Ewropea;
- jagħmel ilment lill-Ombudsman Ewropew dwar att ta’ amministrazzjoni f’ħażna minn istituzzjoni tal-Unjoni;
- jirċievi protezzjoni konsulari minn Stat Membru ieħor meta l-Istat tiegħu stess ma jkunx irrappreżentat f’pajjiż terz;
- jitolb aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
- jindirizza ruħu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-għażla tiegħu.



[●] Focus Id-Direttiva dwar il-pagi minimi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

 Sentenza *Id-Danimarka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pagi minimi adegwati)* ([C-19/23](#))

Adottata f'Ottubru 2022 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, id-[Direttiva \(UE\) 2022/2041](#) dwar il-pagi minimi għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema fl-Unjoni. Hija tistabbilixxi qafas komuni maħsub sabiex jippromwovi n-natura adegwata tal-pagi minimi statutorji, fejn jeżistu, u sabiex isaħħaħ ir-rwol tan-negozjati kollettivi fl-iffissar tal-pagi. Adottata abbażi tal-Artikolu 153(1)(b) TFUE, dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, din id-direttiva tispeċifika li hija tosserva l-kompetenza tal-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-pagi kif ukoll l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

Id-Danimarka, sostnuta mill-Isvezja, ikkontestat il-kompetenza tal-Unjoni sabiex tintervjeni f'dan il-qasam. Id-Danimarka kkunsidrat li, minkejja n-natura apparentament proċedurali tagħha, id-Direttiva fil-fatt kienet twassal lill-Unjoni sabiex tintervjeni direttament fl-iffissar tal-pagi. Issa, dan il-qasam huwa espliċitament eskluż mill-kompetenzi tal-Unjoni mill-Artikolu 153(5) TFUE. Id-Danimarka sostniet ukoll li ċerti obbligi imposti fuq l-Istati Membri kienu jippreġudikaw id-dritt tal-assoċjazzjoni u l-mudell Daniż tar-relazzjonijiet industrijali, li huwa bbażat fuq livell għoli ta' awtonomija għall-imsieħba soċjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Unjoni tista' taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati. Hija speċifikat li l-esklużjoni dwar il-“pagi” għandha l-għan li tipprevjeni kwalunkwe armonizzazzjoni diretta tal-livell tal-pagi fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, din l-esklużjoni ma tistax tiġi interpretata b'mod daqstant wiesa' li ċċaħħad mis-sustanza tagħhom il-kompetenzi tal-Unjoni fil-qasam tal-politika soċjali, b'mod partikolari l-kompetenza li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-pagi minimi adegwati la tistabbilixxi paga minima Ewropea u lanqas livell armonizzat ta' remunerazzjoni fl-Unjoni. Essenzjalment, hija timponi biss rekwiżiti proċedurali minimi, u tħalli lill-Istati Membri marġni wiesa' ta' evalwazzjoni sabiex jiddeterminaw u jaġġornaw il-pagi minimi tagħhom.

Fir-rigward tal-promozzjoni tan-negozjati kollettivi, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-Direttiva ma timponi ebda obbligu fir-rigward tar-riżultat. L-Istati Membri fejn inqas minn 80 % tal-ħaddiema huma koperti minn ftehimiet kollettivi huma meħtieġa biss li joħolqu qafas li jiffavorixxi tali negozjati u, għaldaqstant, li jadottaw pjan ta' azzjoni intiż li jinkoraġġixxi tali negozjati. Dawn huma obbligi fir-rigward tal-mezzi, li josservaw id-diversità tat-tradizzjonijiet nazzjonali u l-awtonomija tal-imsieħba soċjali, peress li d-Direttiva, b'mod partikolari, ma timponi ebda obbligu fuq dawn l-Istati Membri sabiex jilħqu livell minimu ta' tali kopertura.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-pagi minimi adegwati kienu jmorru lil hinn minn dan il-qafas proċedurali. Hija qieset li l-fatt li l-Istati Membru jkunu obbligati jjieħdu inkunsiderazzjoni kriterji speċifiċi meta jiffissaw u jaġġornaw il-pagi minimi statutorji, bħalma huma l-għoli tal-ħajja, il-livell ġenerali tal-pagi jew il-produttività, kien jammonta għal armonizzazzjoni ta' parti mill-elementi li

jikkostitwixxu l-pagi minimi statutorji. Hija waslet għal konstatazzjoni simili fir-rigward tad-dispożizzjoni ta' din id-direttiva li tipprojbixxi kwalunkwe tnaqqis fil-pagi minimi statutorji meta dawn tal-aħħar ikunu suġġetti għal sistemi ta' indiċjar awtomatiku. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu ndħil dirett fid-determinazzjoni tar-remunerazzjonijiet. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jinvolvu tali ndħil dirett mill-Unjoni fid-determinazzjoni tar-remunerazzjonijiet u li għalhekk imorru lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati. Hija ċaħdet il-kumplement tar-rikors tad-Danimarka.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-bilanċ bejn il-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tal-politika soċjali u l-esklużjoni relatata mar-remunerazzjonijiet, filwaqt li kkonfermat li l-Unjoni tista' tirregola l-proċeduri u tippromwovi n-negozjati kollettivi mingħajr ma tintervjeni direttament fl-iffissar tal-pagi.

X'jipprevedi l-Artikolu 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU)?

L-Artikolu 153 tat-TFEU jiddefinixxi l-oqsma li fihom l-Unjoni Ewropea tista' tappoġġa u tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-politika soċjali. Dan l-artikolu jippermetti lill-Unjoni tadotta direttivi li jistabbilixxu rekwiżiti minimi f'oqsma bħalma huma l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni tal-ħaddiema, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa kif ukoll l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema.

Madankollu, dan l-artikolu jistabbilixxi limiti ċari għall-azzjoni tal-Unjoni. Il-paragrafu 5 tiegħu jeskludi b'mod espliċitu ċerti suġġetti mill-qafas tal-kompetenza tal-Unjoni, b'mod partikolari ir-remunerazzjonijiet, id-dritt ta' assoċjazzjoni, id-dritt għal strajk u d-dritt għal lock-out. Din l-esklużjoni hija maħsuba sabiex tħares l-awtonomija tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali f'oqsma meqjusa bħala li huma essenzjali għat-tradizzjonijiet soċjali u kostituzzjonali tagħhom. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li, għalkemm tista' tadotta regoli li jkollhom impatt indirett fuq il-pagi, l-Unjoni ma tistax tintervjeni direttament fl-iffissar tal-livell tagħhom.

Id-Direttiva (UE) 2022/2041 dwar il-pagi minimi adegwati

Id-Direttiva (UE) 2022/2041 għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea billi ssaħħaħ il-protezzjoni offruta minn pagi minimi adegwati. Din id-direttiva ma tippredix paga minima Ewropea u lanqas ma tistabbilixxi livell uniformi ta' remunerazzjoni. L-għan tagħha huwa li tistabbilixxi qafas komuni li jggarantixxi li l-pagi minimi, fejn jeżistu, jippermettu li jiġi żgurat livell ta' għajxien xieraq, filwaqt li tirrispetta t-tradizzjonijiet nazzjonali u l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

Id-Direttiva prinċipalment timmira li tilħaq dawn l-għanijiet permezz ta' dispożizzjonijiet proċedurali. Għal dan il-għan, hija tobbliga lill-Istati Membri li l-leġiżlazzjoni tagħhom tistabbilixxi **paga minima statutorja** sabiex jipprevedu **proċeduri ċari u trasparenti** għall-iffissar u għall-aġġornament tagħha.

Hija **tippromwovi wkoll in-negozjati kollettivi**, li huma meqjusa bħala element ewlieni sabiex jiġu żgurati pagi adegwati, b'mod partikolari billi tistieden lill-Istati Membri fejn il-kopertura ta' ħaddiema li jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi hija baxxa sabiex jadottaw miżuri li jiffavorixxu d-djalogu soċjali. Għalhekk, id-Direttiva tfittex li ssaħħaħ il-konverġenza soċjali fi ħdan l-Unjoni mingħajr ma tinterferixxi, f'dan ir-rigward, fil-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-iffissar tar-remunerazzjonijiet.

Il-pagi minimi fil-ġurisprudenza tal-Qorti

Anki qabel ma daħlet fis-seħħ id-Direttiva dwar il-pagi minimi adegwati, il-Qorti tal-Ġustizzja kien diġà kellha l-opportunità li tiżviluppa ġurisprudenza sostanzjali dwar il-pagi minimi. Diversi sentenzi ddefinixxew il-limiti tal-kompetenzi nazzjonali u tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

Il-kawżi dwar il-kollokament tal-ħaddiema kellhom rwol ċentrali. Fis-sentenza *Laval* ([C-341/05](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tar-“rati minimi ta’ paga” li jistgħu jiġu imposti fuq l-impriżi barranin li jikkollokaw ħaddiema, filwaqt li enfasizzat il-bżonn ta’ bażi legali ċara u ta’ trasparenza suffiċjenti għall-operaturi ekonomiċi.

Qasam ieħor importanti fil-ġurisprudenza jirrigwarda r-relazzjoni bejn il-paga minima u l-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi. Fis-sentenza *Bundesdruckerei* ([C-549/13](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà ta’ obbligu li jiġi osservat salarju minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-Istat ospitanti fil-kuntest ta’ kuntratt pubbliku mwettaq parzjalment barra mill-pajjiż, filwaqt li insistiet fuq ir-rekwiżit ta’ proporzjonalità ta’ tali miżuri fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. B’dan premiss, fis-sentenza *RegioPost* ([C-115/14](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jissuġġettaw l-eżekuzzjoni ta’ kuntratt pubbliku għall-osservanza ta’ paga minima imposta minn liġi jew regolament, bil-kundizzjoni li dan ir-rekwiżit isegwi għan soċjali leġittimu u jiġi applikat b’mod mhux diskriminatorju.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll il-kunċett stess ta’ “rati minimi ta’ paga” fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-kollokament, b’mod partikolari fis-sentenza *Sähköalojen ammattiliitto* ([C-396/13](#)), filwaqt li indikat l-elementi tar-remunerazzjoni li jaqgħu taħt dan il-kunċett.

Din il-ġurisprudenza kollha tiffirma l-bażi għat-trattament illum ‘il ġurnata tal-kawżi dwar id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni. Din il-ġurisprudenza tiddetermina l-marġni ta’ evalwazzjoni tal-Istati Membri filwaqt li tiggarrantixxi l-effettività tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE.



[●] Focus Access għall-messaġġi testwali skambjati bejn il-Presidenta tal-Kummissjoni u l-President-Direttur Ġenerali ta' Pfizer

 Sentenza *Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni* ([T-36/23](#))

It-trasparenza fil-ħajja pubblika hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'hekk, kull ċittadin jew kull persuna ġuridika tal-Unjoni jista' jkollhom aċċess għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill. Dan l-aċċess huwa rregolat mir-[Regolament \(KE\) Nru 1049/2001](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Dan it-test jifforma l-bażi legali għad-dritt ta' aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti ta' dawn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u għandu l-għan, qabel kollox, li jsaħħaħ it-trasparenza bħala kundizzjoni essenzjali tad-demokrazija Ewropea u tal-leġittimità tal-azzjonijiet tal-Unjoni. Dan il-prinċipju ta' trasparenza japplika b'mod sħiħ għall-attivitajiet ta' dawn l-istituzzjonijiet, inkluż meta jieħdu l-forma ta' komunikazzjonijiet moderni bħalma huma l-messaġġi testwali.

F'Mejju 2022, Matina Stevi, ġurnalista man-*New York Times*, talbet aċċess għall-messaġġi testwali (SMS) skambjati bejn il-Presidenta tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, u l-President-Direttur Ġenerali tal-kumpannija farmaċewtika Pfizer fil-kuntest tan-negozjati dwar il-kuntratti tal-vaċċin kontra l-COVID-19.

Il-Kummissjoni Ewropea rrifjutat din it-talba billi sostniet li l-messaġġi mitluba ma kinux fil-pussess tagħha. Skont il-Kummissjoni, il-messaġġi testwali skambjati ma kinux jikkostitwixxu dokumenti miżmuma mill-istituzzjoni u għalhekk ma setgħux jiġu kkomunikati.

M. Stevi ressqet kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Din tal-aħħar bdiet billi fakkret prinċipju essenzjali: id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti huwa maħsub sabiex jiżgura l-ikbar trasparenza possibbli fl-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej. Meta istituzzjoni ssostni li dokument ma jinsabx fil-pussess tagħha, din id-dikjarazzjoni għandha bħala prinċipju titqies li hija korretta. Madankollu, din il-preżunzjoni tista' tiddaħħal inkwistjoni jekk l-applikant jipproduċi provi serji li juru li d-dokumenti kienu jeżistu.

F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali qieset li dan kien il-każ. Hija osservat li diversi sorsi pubbliċi, b'mod partikolari artikli fl-istampa, dikjarazzjonijiet mill-Presidenta tal-Kummissjoni u rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kienu jsemmu kuntatti diretti, inkluż permezz ta' messaġġi testwali, bejn iż-żewġ persuni kkonċernati matul in-negozjati. Dawn l-elementi kienu biżżejjed sabiex jintwera li l-messaġġi kienu jeżistu, minn tal-anqas f'mument partikolari.

Fid-dawl ta' dawn l-indizji, il-Kummissjoni kien imissha spjegat b'mod ċar u ddettaljat għaliex il-messaġġi ma setgħux jinstabu. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma pprovdietx tali spjegazzjoni. Hija sempliċement sostniet li kienu saru tfittxijiet, mingħajr ma speċifikat fejn, kif u fuq liema mezzi, u mingħajr ma indikat jekk il-messaġġi kinux tħassru, ġew arkivjati jew ittrasferiti meta nbidlu t-telephones użati.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-dritt għat-trasparenza ma jistax jisfa mingħajr sustanza minħabba nuqqas ta' konservazzjoni ta' dokumenti. L-istituzzjonijiet għandhom l-obbligu li jiġġestixxu d-dokumenti tagħhom b'mod serju u prevedibbli, sabiex il-pubbliku jkun jista' jifhem u jissorvelja l-azzjonijiet tagħhom. Skambji relatati ma' deċiżjonijiet importanti, bħalma huwa x-xiri tal-vaċċini għall-Unjoni kollha, ma jistgħux jiġu injorati sempliċement għax kienu fil-forma ta' messaġġi qosra.

Filwaqt li kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet spjegazzjonijiet suffiċjenti dwar x'għara mill-messaġġi mitluba, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rifjut tal-aċċess kien illegali. Hija għalhekk annullat id-deċiżjoni kontestata.

Proċedura ċara

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2011 jistabbilixxi proċedura ċara, li teħtieġ deċiżjoni motivata mill-istituzzjoni u l-possibbiltà ta' eżami mill-ġdid intern segwit minn sfiarriġ ġudizzjarju. Ir-Regolament jagħti liċ-ċittadini l-possibbiltà li jifhmu, jissorveljaw u, fejn meħtieġ, jikkontestaw l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet.

Filwaqt li jipprevedi eċċezzjonijiet maħsuba sabiex jiġu protetti interessi pubbliċi jew privati sensitivi, ir-Regolament jirregola b'mod strett l-użu tagħhom billi jimponi interpretazzjoni restrittiva ta' dawn l-eċċezzjonijiet, ġustifikazzjoni konkreta tar-rifjut kif ukoll eżami sistematiku tal-possibbiltà li jingħata aċċess parzjali.

Il-ġurisprudenza tal-Unjoni saħħet dan l-approċċ billi kkonfermat li għandha tirbaħ it-trasparenza, partikolarment fil-proċessi leġislattivi, sabiex jiġi żgurat kontroll demokratiku.

Sa mis-sentenza tagħha *L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill* ([C-39/05 P](#)), mogħtija fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-bażijiet għal dan l-approċċ billi rrikjediet eżami konkret u individwali tat-talbiet għal aċċess għall-opinjoni legali tal-Kunsill u billi rrifjutat kull loġika ta' sigriet awtomatiku għad-dokumenti leġislattivi, u b'hekk stabbilixxiet il-prinċipju li t-trasparenza hija r-regola u s-sigriet l-eċċezzjoni. Dan l-approċċ issaħħaħ permezz tas-sentenza *De Capitani vs Il-Parlament* ([T-540/15](#)), li fiha l-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kunfidenzjalità sistematika tad-dokumenti tat-trilogu (jiġifieri l-laqqgħat u l-iskambji bejn it-tliet istituzzjonijiet li jieħdu sehem fil-proċess leġislattiv), filwaqt li ppreċiżat li l-eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ma tistax tintuża sabiex jinħeba l-funzjonament normali tal-leġislatur tal-Unjoni. Iktar reċentement, fis-sentenza *Kaili vs Il-Parlament* ([T-1031/23](#)), li kienet is-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża [C-632/25 P](#), il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Parlament li rrifjutat li tagħti aċċess għal ċerti dokumenti lill-ex Viċi Presidenta tiegħu. Hija b'hekk ikkonfermat ir-rekwiżit ta' skrutinju rigoruż u individwalizzat ta' kull rifjut ta' aċċess u l-portata konkreta tad-dritt għat-trasparenza, inkluż f'kuntesti istituzzjonali sensitivi.

[●] **Focus** Soċjetà tal-informazzjoni: L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u l-pjattaformi online kbar ħafna

L-Unjoni Ewropea għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni, bil-għan li toħloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u għall-kompetittività, filwaqt li tipproteġi d-drittijiet tal-konsumatur u filwaqt li tipprovdi ċertezza legali. Dawn il-prinċipji huma riflessi fl-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA), ir-[Regolament \(UE\) 2022/1925](#), u fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), ir-[Regolament \(UE\) 2022/2065](#). Dawn ir-regolamenti jikkostitwixxu pakkett leġiżlattiv fundamentali maħsub sabiex isawwar l-ispazju diġitali Ewropew madwar żewġ għanijiet. Minn naħa, l-għan li tiġi ggarantita l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tal-utenti u tal-konsumaturi f'ambjent diġitali; min-naħa l-oħra, l-għan li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni bejn l-atturi ekonomiċi, b'mod partikolari fid-dawl tas-saħħa dejjem tikber ta' ċerti pjattaformi diġitali kbar. Flimkien, dawn iż-żewġ regolamenti jirrappreżentaw pass deċiżiv fil-bini ta' qafas regolatorju Ewropew għas-settur diġitali.

Fl-2025, il-Qorti Ġenerali tat l-ewwel sentenza tagħha fil-kuntest ta' rikorsi ppreżentati kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħuda skont id-DSA.

L-ewwel sentenza rigward id-DSA

Sentenza *Zalando vs Il-Kummissjoni* ([T-348/23](#))

F'April 2023, il-Kummissjoni Ewropea identifikat il-pjattaforma ta' bejgħ online Zalando bħala "pjattaforma online kbira ħafna" fis-sens tar-Regolament dwar is-Servizzi Diġitali (DSA). Fil-fatt, iktar minn 83 miljun persuna jużaw is-servizzi tagħha kull xahar u l-pjattaforma b'hekk taqbeż sew il-limitu ta' 45 miljun previst mir-Regolament. Madankollu, Zalando kkontestat din l-identifikazzjoni filwaqt li sostniet li l-Kummissjoni kienet wettqet żbalji fil-kalkoli.

Il-Qorti Ġenerali **ċaħdet** ir-rikors tagħha. Hija kkonfermat li Zalando fil-fatt tikkostitwixxi pjattaforma online peress li tospita bejjiegħa terzi permezz tal-"Partner Programme" tagħha, anki jekk l-attività tagħha stess ta' bejgħ dirett ("Zalando Retail") ma taqax f'din il-kategorija. Il-Kummissjoni setgħet tqis li l-utenti kollha kienu esposti għall-informazzjoni tal-bejjiegħa terzi. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argumenti bbażati fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' ugwaljanza fit-trattament ugwali u ta' proporzjonalità, filwaqt li fakkret li tali pjattaformi għandhom ikunu suġġetti għal obbligi msaħħa sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' distribuzzjoni ta' prodotti perikolużi jew illegali.

Sentenzi *Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni* u *TikTok Technology vs Il-Kummissjoni* ([T-55/24](#) u [T-58/24](#))

Il-Qorti Ġenerali **annullat** id-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet, għas-sena 2023, it-tariffa ta' sorveljanza dovuta minn Facebook, Instagram u TikTok bħala "pjattaformi online kbar ħafna" skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA). Hija ddeċidiet li l-metodu użat sabiex tiġi kkalkolata t-tariffa, ibbażat fuq in-numru medju ta' utenti fix-xahar, kellu jiġi adottat f'att delegat u mhux f'sempliċi deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni peress li dan il-metodu jikkostitwixxi element essenzjali tal-kalkolu. Madankollu, peress li ebda żball ma kien jaffettwa l-obbligu ta' dawn il-pjattaformi li jħallsu t-tariffa, il-Qorti Ġenerali **żammet fis-seħħ proviżorjament l-effetti tad-deċiżjonijiet annullati** matul il-perijodu li teħtieġ il-Kummissjoni sabiex tadotta metodoloġija konformi u deċiżjonijiet ġodda. Madankollu, dan il-perijodu tranżitorju ma jistax ikun ta' iktar minn tnax-il xahar minn meta s-sentenzi jsiru finali.

Sentenza *Amazon EU vs Il-Kummissjoni* ([T-367/23](#))

Il-Qorti Ġenerali **çaħdet** ir-rikors ta' Amazon intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li identifika il-pjattaforma Amazon Store bħala "pjattaforma online kbira ħafna" fis-sens tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), li jimponi obbligi msaħħa fuq is-servizzi b'iktar minn 45 miljun utent fl-Unjoni. Amazon invokat ksur ta' diversi drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fosthom il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-proprietà, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-libertà ta' espressjoni kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-informazzjoni kunfidenzjali. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li l-obbligi imposti mid-DSA, għalkemm jistgħu jinvolvu spejjeż u jistgħu jaffettwaw l-organizzazzjoni tal-pjattaforma, huma previsti mil-liġi, huma proporzjonati u huma ġġustifikati mill-għan ta' interess ġenerali ta' prevenzjoni tar-riskji sistemiċi marbuta mal-pjattaformi kbar ħafna, b'mod partikolari t-tixrid ta' kontenut illegali u l-protezzjoni tal-konsumatur. Hija kkonkludiet li l-miżuri kkontestati, bħalma huma l-għażla ta' rakkomandazzjoni mingħajr il-bini ta' profil, ir-reġistru pubbliku tar-reklami jew l-aċċess ta' riċerkaturi għad-data, ma jippreġudikawx il-kontenut essenzjali tad-drittijiet invokati u huma marbuta ma' garanziji stretti f'termini ta' kunfidenzjalità u ta' sigurtà.

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)

Id-DSA, li ilu fis-seħħ mis-17 ta' Frar 2024, huwa l-kontroparti tad-DMA fil-qasam tar-regolazzjoni tal-kontenut u tas-servizzi diġitali. Huwa għandu l-għan li joħloq ambjent online iktar sigur, iktar trasparenti u iktar prevedibbli għall-utenti Ewropej. Id-DSA jimmodernizza r-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji u jimponi obbligi msaħħa fuq il-pjattaformi online kbar ħafna u fuq il-magni tat-tiftix kbar ħafna. Dawn l-obbligi jikkonċernaw b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi effettivi għall-ipproċessar ta' kontenuti illegali, l-evalwazzjoni u t-tnaqqis tar-riskji sistemiċi – bħalma huma d-diżinformazzjoni, il-ksur tad-drittijiet fundamentali jew ir-riskji għall-protezzjoni tal-minuri – kif ukoll żieda fit-trasparenza tas-sistemi algoritmiċi u tal-mekkaniżmi ta' rakkomandazzjoni.

Għalhekk, id-DMA u d-DSA ma għandhomx fil-mira tagħhom eżattament l-istess kategoriji ta' atturi. Id-DMA jiffoka fuq il-pjattaformi li għandhom importanza strutturali fis-suq intern u li jikkostitwixxu punt ta' aċċess inevitabli li jippermetti lill-impriżi utenti jilħqu lill-utenti finali. Id-DSA, min-naħa tiegħu, ikopri firxa usa' ta' impriżi li jipprovdu servizzi intermedjarji lill-utenti Ewropej, filwaqt li jimponi obbligi partikolarment stretti fuq il-pjattaformi u l-magni tat-tiftix kbar ħafna minħabba l-impatt sistemiku tagħhom fuq l-ispazju tal-informazzjoni u dak ekonomiku.

Fir-rigward tal-DSA, f'deċizzjoni aġġornata f'Diċembru 2025, il-Kummissjoni identifikat numru ta' pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix kbar ħafna li kienu suġġetti għall-obbligi msaħħa previsti fid-DSA, li kienu jinkludu, b'mod partikolari, Amazon, Apple, Booking.com, Google, LinkedIn, Meta, Microsoft, Pinterest, Snap, TikTok, X (li qabel kienet Twitter), Wikimedia Foundation u Zalando, kif ukoll diversi operaturi oħra attivi fis-suq Ewropew.


L-implimentazzjoni tad-DSA u tad-DMA diġà wasslet għal sanzjonijiet sinjifikattivi. L-ewwel multa imposta abbażi tad-DSA għet adottata fil-5 ta' Diċembru 2025 kontra l-pjattaforma X, fl-ammont ta' EUR 120 miljun, minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' diversi obbligi previsti mid-DSA.

Spjegazzjoni tal-kunċetti ewlenin użati fid-DSA

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) huwa strument leġiżlattiv Ewropew intiż li jirregola s-servizzi diġitali sabiex jiġi ggarantit ambjent online iktar sigur, iktar trasparenti u iktar ġust. Dawn huma wħud mill-kunċetti ewlenin, spjegati f'termini sempliċi:

- **Pjattaforma online:** servizz diġitali li jippermetti lill-utenti jipubblikaw, jikkondividu jew jikkonsultaw kontenut (networks soċjali, swieq online, pjattaformi tal-video, eċċ.).
- **Pjattaforma online kbira ħafna (very large online platform, VLOP):** pjattaforma b'iktar minn 45 miljun utent attivi fl-Unjoni Ewropea. Minħabba l-impatt sinjifikattiv tagħhom fuq is-soċjetà, dawn il-pjattaformi huma suġġetti għal obbligi msaħħa.
- **Kontenut illegali:** kull kontenut li jikser id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali applikabbli (pereżempju, diskors li jqajjem mibegħda, prodotti illegali, ksur tad-drittijiet tal-awtur).
- **Moderazzjoni tal-kontenut:** grupp ta' miżuri meħuda mill-pjattaformi sabiex jidentifikaw, jevalwaw u, fejn meħtieġ, ineħħu jew jirrestrinġu l-aċċess għal kontenut problematiku.
- **Trasparenza algoritmika:** l-obbligu għal ċerti pjattaformi li jispjegaw, b'mod faċli biex jinftiehem, kif jaħdmu s-sistemi tagħhom ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut.

Permezz ta' dawn il-kunċetti, id-DSA jfittex li jipproteġi aħjar lill-utenti, jagħmel lill-pjattaformi kbar iktar responsabbli u jsaħħaħ il-fiduċja fl-ispazju diġitali Ewropew.



↳ Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena

Moviment liberu

L-Unjoni Ewropea tiggarrantixxi liċ-ċittadini tagħha l-possibbiltà li jiċċaqilqu u li jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Sabiex din il-libertà tkun effettiva, l-Istati għandhom jirrikonoxxu s-sitwazzjonijiet personali u familjali miksuba legalment fi Stat Membru ieħor, li għandhom jitqiesu fid-dawl tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Unjoni, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

↳ Żewġ ċittadini Pollakki miżżewġin fil-Ġermanja talbu t-traskrizzjoni tal-att taż-żwieġ tagħhom fir-reġistru tal-istat ċivili Pollakk sabiex l-unjoni tagħhom tiġi rrikonoxxuta fil-Polonja. L-awtoritajiet kompetenti rrifjutaw lhom din it-traskrizzjoni minħabba li d-dritt Pollakk ma kienx jawtorizza ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess. Fuq domanda li saritilha dwar dan minn qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-fatt li jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent ta' żwieġ ta' żewġ ċittadini tal-Unjoni, konkluż legalment fi Stat Membru ieħor, fejn huma eżerċitaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom, imur kontra d-dritt tal-Unjoni peress li jippreġudika din il-libertà kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Għalhekk l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu, għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, l-istatus maritali miksub legalment fi Stat Membru ieħor. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan l-obbligu ma jimplikax l-introduzzjoni taż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess fid-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom marġni ta' evalwazzjoni fl-għażla tal-arranġamenti għar-rikonoxximent ta' tali żwieġ. Madankollu, meta Stat Membru jagħżel li jipprevedi metodu wieħed biss għar-rikonoxximent taż-żwieġ konkluż fi Stat Membru ieħor, b'halma hija t-traskrizzjoni tal-att taż-żwieġ fir-reġistru tal-istat ċivili, huwa jkun meħtieġ japplika dan il-metodu b'mod mhux diskriminatorju, kemm għaż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess kif ukoll għal dak bejn persuni ta' sess differenti.

 Sentenza tal-25 ta' Novembru 2025 fil-kawża Wojewoda Mazowiecki ([C-713/23](#))

Ugwaljanza fit-trattament u nondiskriminazzjoni

L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet qafas legali komuni sabiex tiżgura l-ugwaljanza fit-trattament u sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni. Id-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE huma l-pedament ta' dan il-qafas: l-ewwel waħda tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-orijini etnika, filwaqt li t-tieni waħda għandha l-għan li tiżgura l-ugwaljanza fl-impjeg u fix-xogħol. Dawn it-testi jipprojbixxu kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta, bla ħsara għal ċerti possibbiltajiet ta' ġustifikazzjoni, u għalhekk jobbligaw lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni effettiva u konsistenti fi ħdan l-Unjoni.

↘ Operatriċi ta' stazzjon kienet talbet diversi drabi lill-persuna li kienet timpjegaha sabiex tiġi assenjata f'pożizzjoni b'ħinijiet tax-xogħol fissi. It-talba tagħha kienet ibbażata fuq il-bżonn li tiegħu ħsieb lil binha, li kellu diżabilità severa u li kien ibati minn invalidità totali. Il-persuna li kienet timpjegaha tatha ċerti arranġamenti temporanji. Madankollu, hija rrifjutat li tagħmel dawn l-arranġamenti permanenti. L-operatriċi kkontestat dan ir-rifjut u l-każ tagħha tressaq quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana. Dik il-qorti ressqet il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għaliex kellha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni indiretta ta' impjegat li jieħu ħsieb il-wild minuri tiegħu li jkun ibati minn diżabilità severa, mingħajr ma l-impjegat ikun huwa stess persuna b'diżabilità. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet billi stqarret li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq id-diżabilità, skont it-termini tad-Direttiva Qafas dwar l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol, tkopri wkoll impjegat li jkun il-vittma ta' tali diskriminazzjoni minħabba l-għajnuna pprovduta lill-wild tiegħu li jkun ibati minn diżabilità.

⚖️ Sentenza tal-11 ta' Settembru 2025 fil-kawża Bervidi ([C-38/24](#))


↘ Il-Liġi Daniża dwar l-Akkomodazzjoni Pubblika kellha l-għan li tnaqqas il-perċentwali ta' akkomodazzjonijiet pubbliċi għall-familji fiż-“żoni taħt trasformazzjoni”. Dawn iż-żoni kienu kkaratterizzati, b'mod partikolari, mill-fatt li l-proporzjon “ta' immigranti li joriġinaw minn pajjiżi mhux tal-Punent u mid-dixxendenti tagħhom” ikun qabeż il-50 % matul l-aħħar ħames snin. Skont din il-liġi, parti mill-kirjiet ta' akkomodazzjonijiet pubbliċi għall-familji li kienu jinsabu f'żewġ żoni residenzjali ta' Slagelse u ta' Kopenĥagen ġew xolti jew kienu mistennija li jiġu xolti fil-futur qarib. Il-qorti Daniża li quddiemha tressqu tilwimiet dwar dawn ix-xoljimenti kellha dubju dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni kinitx tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq l-orijini etnika. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat is-sitwazzjonijiet li jstgħu jikkostitwixxu diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini etnika. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-orijini etnika hija bbażata fuq diversi fatturi. Kriterju wieħed meħud waħdu, bħalma huma n-nazzjonalità jew il-pajjiż tat-twelid, ma huwiex biżżejjed sabiex jiddetermina s-sħubija fi grupp etniku. Għall-finijiet tal-eżami ta' eventwali diskriminazzjoni diretta, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk il-kriterju marbut mal-proporzjon tal-immigranti u tad-dixxendenti tagħhom huwiex verament ibbażat fuq l-orijini etnika tal-maġġoranza tal-abitanti taż-“żoni taħt trasformazzjoni” u jekk, minħabba f'hekk, humiex suġġetti għal trattament inqas favorevoli, bħalma huwa riskju ikbar ta' xoljiment antiċipat tal-kirjiet. Jekk il-qorti nazzjonali tikkonstata eventwali diskriminazzjoni indiretta, hija jkollha tivverifika jekk din madankollu hijiex iġġustifikata. B'mod partikolari, il-qorti nazzjonali għandha tiżgura, f'dan ir-rigward, li l-liġi inkwistjoni tfittex għan ta' interess ġenerali b'mod proporzjonat u tirrispetta, b'mod partikolari, id-dritt fundamentali għar-rispett tad-dar.

⚖️ Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2025 fil-kawża Slagelse Almennyttige Boligselskab, Afdeling Schackenborgvaenge ([C-417/23](#))


OL-Istat tad-dritt

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-istess bħat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tagħmel riferiment espliċitu għall-Istat tad-dritt, wieħed mill-valuri komuni għall-Istati Membri fis-sens tal-Artikolu 2 TUE. L-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati huma elementi essenzjali tal-Istat tad-dritt.

✎ F'żewġ sentenzi, il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka ddikjarat li ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattati, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, kienu jmorru kontra l-Kostituzzjoni nazzjonali u espliċitament ikklassifikat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva bħala li tmur lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha (*ultra vires*). Peress li qieset li dawn is-sentenzi kienu jiksru diversi prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, inkluża s-supremazija tiegħu, il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Polonja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet dan ir-rikors u ddeċidiet li l-Polonja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha minħabba l-ksur, mill-Qorti Kostituzzjonali tagħha, tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' osservanza min-naħa tagħha tas-supremazija, tal-awtonomija, tal-effettività, tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u tal-effett vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ukoll ir-rikors tal-Kummissjoni sa fejn kien jirrigwarda irregolaritajiet serji li jivvizzjaw il-ħatra ta' tliet imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka u tal-Presidenta tagħha, li kienu jdaħħlu inkwistjoni l-istatus ta' din il-Qorti Kostituzzjonali bħala qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita mil-liġi, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni.

 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2025 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Stħarriġ *ultra vires* tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni) ([C-448/23](#))

✎ Il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-Polonja kellha tħallas ammont totali ta' madwar EUR 320.2 miljuni bħala pagamenti ta' penali għal kull jum imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja wara r-rifjut tagħha li tissospendi ċerti riformi ġudizzjarji tal-2019 li kienu jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet stabbilixxiet pagamenti ta' penali ta' EUR 1 miljun għal kull jum, b'effett minn Novembru 2021, li mbagħad naqqas għal EUR 500,000 minn April 2023, wara l-adozzjoni ta' liġi Pollakka li parzjalment ikkonformat mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Peress li l-Polonja ma ħallsix l-ammonti dovuti, il-Kummissjoni rkuprat il-pagamenti ta' penali permezz ta' tpaċija ma' fondi Ewropej li, bħala prinċipju, kellhom jingħataw lill-Polonja. Din tal-aħħar ikkontestat sitt deċiżjonijiet ta' tpaċija li kienu jkopru l-perijodu mill-15 ta' Lulju 2022 sal-4 ta' Ġunju 2023, filwaqt li sostniet li l-emendi leġiżlattivi kien imisshom wasslu għal tnaqqis iktar malajr fl-ammont tal-pagamenti ta' penali. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet kompletament dawn l-argumenti billi qieset li la l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka u lanqas il-liġi ta' Ġunju 2022 ma kienu kkanċellaw l-ammont tal-pagamenti ta' penali, filwaqt li fakkret li t-tnaqqis ordnat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'April 2023 kellu effett biss għall-futur. Sakemm il-Polonja ma kinitx konformi b'mod sħiħ u sakemm il-pagamenti ta' penali ta' EUR 1 miljun baqgħu applikabbli, il-Kummissjoni kienet obligata tiżgura l-irkupru sħiħ ta' dawn il-pagamenti.

 Sentenza tal-5 ta' Frar 2025 fil-kawża Il-Polonja vs Il-Kummissjoni ([T-830/22](#) u [T-156/23](#), [T-1033/23](#))

Politika estera u ta' sigurtà komuni

Bħala strument essenzjali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-Unjoni Ewropea, il-miżuri restrittivi jew "sanzjonijiet" jintużaw bħala parti minn azzjoni integrata u komprensiva li tinkludi, fost l-oħrajn, djalogu politiku. L-Unjoni tużahom, b'mod partikolari, sabiex tħares il-valuri, l-interessi fundamentali u s-sigurtà tal-Unjoni, u sabiex tevita l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali. Fil-fatt, is-sanzjonijiet huma intiżi li jwasslu għal bidla fil-politika jew fl-aġir min-naħa tal-persuni jew tal-entitajiet koperti, bil-għan li jiġu promossi l-għanijiet tal-PESK.

➤ Wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukraina fl-2022, l-Unjoni Ewropea adottat sensiela ta' miżuri restrittivi. Fl-2023, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea estenda l-kriterji li jippermettu l-inklużjoni ta' individwi jew ta' entitajiet taħt dawn il-miżuri. Kriterju ġdid jippermetti għalhekk li jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' entitajiet attivi fis-settur Russu tat-teknoloġija tal-informazzjoni li għandhom liċenzja maħruġa miċ-Ċentru għall-Għoti ta' Liċenzji, ta' Ċertifikazzjoni u ta' Protezzjoni tas-Sigrietali tal-Istat tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB) jew liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" maħruġa mill-Ministeru Russu għall-Industrija u għall-Kummerċ. Positive Group PAO, kumpanija Russa fil-qasam taċ-ċibersigurtà, kellha tali liċenzja permezz tas-sussidjarja tagħha u ġiet inkluża fil-lista tal-entitajiet issanzjonati. Hija talbet l-annullament ta' din l-inklużjoni, iżda l-Qorti Ġenerali ħadet ir-rikors tagħha. Il-Qorti Ġenerali qieset li l-kriterju użat huwa ċar, legalment prevedibbli u proporzjonat mal-għanijiet imfittxija, jiġifieri li ssir pressjoni fuq Moska u li tiġi mxejjla l-kapaċità tagħha li twettaq azzjonijiet ta' gwerra, inkluż fil-qasam tal-informazzjoni. Il-Kunsill seta', mingħajr ma jwettaq żball, jikkunsidra li l-kumpanija inkwistjoni kellha tkun koperta minn miżuri restrittivi minħabba d-dipendenza tagħha fuq liċenzja tal-FSB, minkejja li din il-liċenzja kienet miżmuma mis-sussidjarja tagħha.



Sentenza tal-10 ta' Settembru 2025 fil-kawża Positive Group vs Il-Kunsill ([T-573/23](#))

➤ Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonfermat is-sanzjonijiet adottati kontra MegaFon, waħda mill-operaturi ewlenin tat-telefonija mobbli fir-Russja. Il-Kunsill kien inkluda din il-kumpanija fil-lista ta' entitajiet koperti mill-miżuri restrittivi tiegħu fl-2023 għaliex ikkunsidra li din il-kumpanija kienet tipprovdi sostenn dirett għall-isforz tal-gwerra tar-Russja billi tipprovdi servizzi li setgħu jintużaw mill-armata, b'mod partikolari fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet. MegaFon talbet l-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet billi invokat nuqqas ta' motivazzjoni, ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha u ndħil sproporzjonat fil-libertà ta' intrapriża tagħha. Il-Qorti Ġenerali ħadet dawn l-argumenti billi qieset li l-Kunsill kien spjega b'mod suffiċjentement preċiż ir-raġunijiet għal dawn is-sanzjonijiet u ma kellux l-obbligu li jisma' lill-impriża minn qabel, sabiex iħares l-effett ta' sorpriża neċessarju għall-effettività tagħhom. Hija ddeċidiet ukoll li l-miżuri, għalkemm kienu jaffettwaw l-attività u r-reputazzjoni ta' MegaFon, kienu baqgħu proporzjonati u neċessarji għall-għan ta' interess ġenerali li jixxekklu l-kapaċitajiet militari Russi fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukraina.




Sentenza tal-15 ta' Jannar 2025 fil-kawża MegaFon vs Il-Kunsill ([T-193/23](#))



Migrazzjoni u ażil

L-Unjoni Ewropea adottat sett ta' regoli għall-istabbiliment ta' politika Ewropea effettiva, umanitarja u sigura dwar il-migrazzjoni. Is-sistema Ewropea komuni tal-ażil tistabbilixxi standards minimi applikabbli għall-ipproċessar ta' dawk kollha li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil u tal-applikazzjonijiet tagħhom fl-Unjoni kollha.

➤ Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz tista' tiġi miċħuda fil-kuntest ta' proċedura mħaffa fuq il-fruntiera meta l-pajjiż ta' oriġini tiegħu jkun indikat bħala "sigur" minn Stat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din l-indikazzjoni tista' ssir permezz ta' att leġiżlattiv, bil-kundizzjoni li dan ikun jista' jkun is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv. Is-sorsi ta' informazzjoni li fuqhom tkun ibbażata din l-indikazzjoni għandhom ikunu aċċessibbli għall-applikant u għall-qorti nazzjonali. Madankollu, Stat Membru ma jistax jinkludi pajjiż fil-lista ta' pajjiżi ta' oriġini siguri jekk dan il-pajjiż ma joffrix protezzjoni suffiċjenti lill-popolazzjoni kollha tiegħu.

 Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025 fil-kawża magħquda Alace u Canpelli ([C-758/24](#) u [C-759/24](#))

➤ Żewġ applikanti għall-ażil fl-Irlanda kienu mġiegħla jgħixu f'kundizzjonijiet degradanti wara li l-Istat irrifjuta li jipprovdihom akkomodazzjoni minħabba li ċ-ċentri tiegħu kienu mimlija. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan it-tip ta' rifjut, anki f'kuntest ta' influż massiv u imprevedibbli ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, jikkostitwixxi ksur gravi tad-dritt tal-Unjoni u jista' jagħti lok għar-responsabbiltà tal-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istati Membri huma obbligati, skont id-Direttiva dwar l-akkoljenza, jiggwarantixxu lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali kundizzjonijiet ta' akkoljenza li jiżguraw livell ta' għajxien adegwat, kemm jekk permezz ta' akkomodazzjoni, għajjnuna finanzjarja, vawċers jew taħlita ta' dawn il-forom ta' appoġġ għal ħajja dinjituża.

 Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025 fil-kawża The Minister for Children, Equality, Disability, Integration and Youth *et* ([C-97/24](#))

➤ Raġel li kien joriġina mill-Iraq applika għall-ażil fil-Greċja filwaqt li invoka riskju reali għal ħajtu. L-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda, u r-rimedju li huwa eżerċita kontra din id-deċiżjoni tqies li kien "manifestament infondat" għar-raġuni biss li ma deherx personalment quddiem il-kummissjoni kompetenti. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni Griega kienet tipprevedi, f'każ bħal dan, preżunzjoni awtomatika ta' eżerċizzju abbużiv ta' rimedju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din ir-regola kienet tikser id-dritt tal-Unjoni: ir-reqwiżit li wieħed jidher personalment biex ir-rimedju mressaq minnu jiġi eżaminat huwa sproporzjonat meta jservi biss sabiex tiġi vverifikata l-preżenza tal-persuna kkonċernata, u mhux sabiex tinstema'. Il-Greċja kellha toffri soluzzjonijiet inqas restrittivi, bħalma huma r-rappreżentanza minn avukat, dehra lokali jew sempliċi prova ta' preżenza, sabiex tiggwarantixxi aċċess reali għal rimedju effettiv.

 Sentenza tat-3 ta' Lulju 2025 fil-kawża Al Nasiria ([C-610/23](#))

Konsumaturi

Il-Qorti tal-Ġustizzja: Garanzija tad-drittijiet tal-konsumaturi tal-Unjoni Ewropea



[Ara l-video](#)



Il-politika Ewropea dwar il-konsumaturi għandha l-għan li tiproteġi s-saħħa, is-sigurtà kif ukoll l-interessi ekonomiċi u legali tal-konsumaturi, irrispettivament mill-post fejn jirrisjedu jew jiċċaqalqu jew minn fejn jixtru fl-Unjoni.

✎ Kumpannija Ġermaniża kienet tbigħ suppliment tal-ikel ibbażat fuq is-safran u l-meraq tal-bettieħ filwaqt li kienet issostni li dan kien itejjeb il-burdata u jnaqqas l-istress u l-għejja. Assoċjazzjoni kkontestat din il-prattika ta' reklamar quddiem il-qrati, peress li qieset li dawn kienu indikazzjonijiet dwar is-saħħa li kienu jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sakemm il-Kummissjoni ma tkunx lestiet l-eżami xjentifiku tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jirrigwardaw sustanzi veġetali u ma tkunx inkludiethom fil-listi ufficiali, dawn l-indikazzjonijiet ma jistgħux jintużaw fir-reklamar, sakemm ma jibbenefikawx minn regoli tranżitorji, li ma kienux il-każ hawnhekk.



Sentenza tat-30 ta' April 2025 fil-kawża Novel Nutriology ([C-386/23](#))

✎ Xarba mhux alkoħolika ma tistax tiġi kkommerċjalizzata taħt l-isem "ġinn mingħajr alkoħol". Assoċjazzjoni Ġermaniża li tiġġieled il-kompetizzjoni żleali fettet kawża quddiem qorti Ġermaniża kontra PB Vi Goods sabiex din tiġi pprojbita milli tbigħ xarba mhux alkoħolika imsejħa "Virgin Gin Alkoholfrei" (ġinn pur mingħajr alkoħol). Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dritt tal-Unjoni rriżerva d-denominazzjoni legali ta' "ġinn" għal xarba spirituża miksuta permezz tal-aromatizzazzjoni ta' alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola bil-frott tal-ġnibru u li jkollha qawwa alkoħolika minima ta' 37.5 %. Hija kkonstatat li ż-żieda tal-kliem "mingħajr alkoħol" ma kinitx tbiddel din il-klassifikazzjoni u ma kinitx tippermetti li tiġi evitata l-projbizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li din ir-restrizzjoni ma tippreġudikax il-libertà ta' intrapriża ggarantita mill-Karta, peress li ma tipprekludix il-kommerċjalizzazzjoni tal-prodott bħala tali, iżda biss l-użu ta' denominazzjoni rriżervata. Din il-projbizzjoni hija proporzjonata peress li għandha l-għan li tiproteġi lill-konsumaturi kontra kwalunkwe riskju ta' konfużjoni u li tiproteġi lill-produtturi tal-ġinn li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni kontra kompetizzjoni żleali.



Sentenza tat-13 ta' Novembru 2025 fil-kawża PB Vi Goods ([C-563/24](#))

✎ Konsumatur Franċiż kellu kont tad-deheb ma' Veracash u osserva li kien sar ġbid ta' kuljum b'kard li huwa jsostni li qatt ma rċieva. Huwa ssenjala dawn it-tranżazzjonijiet lil Veracash kważi xahrejn wara l-ewwel ġbid, iżda kien għadu fit-terminu legali ta' tlettax-il xahar. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-utent ta' kard jista' jitlef id-dritt tiegħu għar-rimbors jekk ma jissenjalax it-tranżazzjoni mhux awtorizzata "mingħajr dewmien". Madankollu, fil-każ ta' kard mitlufa, misruqa jew miżapproprjata, l-utent jitlef dan id-dritt biss jekk ikun aġixxa b'intenzjoni jew b'negliġenza gravi, u dan biss għat-tranżazzjonijiet li jkun issenjala tard.




Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025 fil-kawża Veracash ([C-665/23](#))

✎ Żewġ vjaġġaturi Pollakki kienu rriżervaw akkomodazzjoni “inklużiva” f’lukanda b’ħames stilel fl-Albanija, iżda l-għada tal-wasla tagħhom il-vaganzi tagħhom ġew imfixkla serjament minħabba xogħlijiet kbar ta’ demolizzjoni ordnati mill-awtoritajiet lokali. Għal diversi jiem, huma kienu jqumu minħabba l-istorbju kontinwu mis-siti tal-kostruzzjoni, filwaqt li l-pixxini, il-mogħdija tul il-baħar u l-aċċess għall-bajja ġew meqruda. Il-kundizzjonijiet ta’ ristorazzjoni ddeterjoraw ukoll, bi kjuwijiet ta’ stennija, ikel fi kwantità limitata u l-waqfien ta’ ċerti servizzi, qabel ma bdew xogħlijiet ġodda ta’ kostruzzjoni fi tmim is-soġġorn. Peress li qiesu li huma kienu ġarrbu dannu materjali u morali, dawn il-vjaġġaturi ressqu kawża quddiem il-qorti Pollakki sabiex jiksbu r-rimbors sħiħ tal-prezz imħallas u kumpens għad-danni. Adita bil-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li vjaġġatur għandu dritt għal rimbors sħiħ mhux biss meta s-servizzi ma jkunux ġew ipprovduti jew ikunu ġew ipprovduti b’mod żbaljat, iżda wkoll meta, minkejja l-provvista parzjali ta’ dawn is-servizzi, il-prestazzjoni fqira tagħhom tant tkun gravi li l-pakkett tal-ivvjaġġar ikun tilef kull skop tiegħu u l-vjaġġ, b’mod oġġettiv, ma jkun baqa’ ta’ ebda interess. Hija ppreċiżat li din l-evalwazzjoni għandha titwettaq mill-qorti nazzjonali u li d-Dirrettiva għandha l-għan li tistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ kuntrattwali mingħajr ma tippermetti sanzjonijiet punitivi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-organizzatur ma jistax jiġi eżentat mir-responsabbiltà tiegħu jekk ix-xogħlijiet, għalkemm deċiżi minn awtorità pubblika, ma kinux imprevedibbli jew inevitabli għalih.

 Sentenza tat-23 ta’ Ottubru 2025 fil-kawża Tuleka ([C-469/24](#))

✎ Impriżi Ewropej u Amerikani li jipproduċu jew jużaw il-melamina kkontestaw quddiem il-Qorti Ġenerali d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) li tikklassifika din is-sustanza bħala “ta’ tħassib serju ħafna” minħabba riskji serji għas-saħħa u għall-ambjent. Huma sostnew li din il-klassifikazzjoni kienet ibbażata fuq analiżi xjentifika ħażina u li ma kinux instemgħu b’mod suffiċjenti matul il-proċedura. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tagħhom u kkonfermat id-deċiżjoni tal-ECHA. Hija ppreċiżat li sustanza tista’ tiġi identifikata bħala perikoluża anki jekk il-proprjetajiet tagħha ma jipproduċux waħedhom, iżda biss flimkien, effetti serji. Hija ddeċidiet ukoll li l-proċedura stabbilita fir-Regolament tal-Unjoni “REACH” (li għandu l-għan li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mir-riskji assoċjati mas-sustanzi kimiċi) ma tiżgura l-ebda dritt speċifiku għajr il-possibbiltà li wieħed jippreżenta osservazzjonijiet.

 Sentenza tad-9 ta’ Lulju 2025 fil-kawża Fritz Egger *et vs* ECHA (Melamina) u LAT Nitrogen Piesteritz u Cornerstone *vs* ECHA ([T-163/23](#), [T-167/23](#))

Proprjetà intellettuali

Il-Proprjetà Intellettuali fil-Qorti Ġenerali



[Ara l-video](#)



Il-leġislazzjoni adottata mill-Unjoni Ewropea sabiex tiġi protetta l-proprjetà intellettuali (drittijiet tal-awtur) u industrijali (dritt tat-trade marks, protezzjoni tad-disinni) ittejjeb il-kompetittività tal-impriżi billi tiffavorixxi ambjent li jinkoraġġixxi l-kreattività u l-innovazzjoni.

✎ FI-2019, il-kumpannija Taljana Nero Lifestyle ppreżentat quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali NERO CHAMPAGNE. Il-Comité interprofessionnel du vin de Champagne (il-Kumitat Interprofessionali tal-Inbid ta' Champagne) u l-Institut national de l'origine et de la qualité (l-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità) ippreżentaw oppożizzjoni għal din l-applikazzjoni. Huma sostnew li t-trade mark setgħet tiegħu vantaġġ abbużiv mir-reputazzjoni tal-prodotti DOP Champagne li l-protezzjoni tagħhom toffri garanzija ta' kwalità dovuta għall-oriġini ġeografika tagħhom. L-oppożizzjoni ġiet miċħuda parzjalment mill-EUIPO u l-korpi professjonali msemmija ressqu kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-EUIPO u laqgħet l-oppożizzjoni. Għalhekk, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark NERO CHAMPAGNE ġiet miċħuda.

⚖️ Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2025 fil-kawża Comité interprofessionnel du vin de Champagne u INAO vs EUIPO – Nero Lifestyle (NERO CHAMPAGNE) ([T-239/23](#))

✎ Il-Kubu ta' Rubik ma jistax jiġi protett bħala trade mark tal-Unjoni: il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-annullament tat-trade marks irreġistrati għal din il-logħba tridimensjonali famuża. L-EUIPO kien ikkunsidra li l-forma tal-kubu, l-istruttura tal-grilja tiegħu u d-differenzazzjoni tal-uċuħ kienu elementi tekniċi essenzjali għall-funzjonament tiegħu, u li dan kien jagħmilha impossibbli li dan il-kubu jiġi protett taħt id-dritt dwar it-trade marks. Spin Master, il-proprjetarja tat-trade marks inkwistjoni, sostniet li ċerti elementi, b'mod partikolari l-kuluri, ma kinux tekniċi. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn l-argumenti billi spjegat li l-kuluri huma biss dettall sekondarju li jservi sabiex issir distinzjoni bejn l-uċuħ, u li l-parti essenzjali tal-forma - il-kwadri, l-istruttura tal-grilja u d-differenzazzjoni tal-uċuħ - tissodisfa b'żonn tekniku, jiġifieri li tippermetti r-rotazzjoni u l-identifikazzjoni tal-elementi tal-logħba ta' taħbil il-moħħ. Peress li l-karatteristiċi essenzjali kollha tal-kubu huma marbuta mal-funzjoni tiegħu, huma ma setgħux jiġu protetti bħala trade mark, u għalhekk id-deċiżjonijiet tal-EUIPO ġew ikkonfermati.

⚖️ Sentenza tad-9 ta' Lulju 2025 fil-kawża Spin Master Toys UK vs EUIPO – Verdes Innovations (Forma ta' kubu b'uċuħ li għandhom struttura ta' grilja) ([T-1170/23](#) sa [T-1173/23](#))

↘ Il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet tal-EUIPO li kienu rrevokaw id-drittijiet ta' Ferrari fuq it-trade mark verbali TESTAROSSA għal vetturi bil-mutur, għal partijiet ta' rikambju, għal aċċessorji u għal mudelli żgħar, wara li l-Uffiċċju qies li ma kienx sar użu ġenwin tat-trade mark bejn l-2010 u l-2015. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, minkejja li l-mudell Testarossa ma baqax jiġi mmanifatturat fl-1996, karożżi użati kienu nbiegħu matul il-perijodu inkwistjoni minn bejjiegħa u distributuri awtorizzati, u li dan l-użu, flimkien mas-servizz ta' ċertifikazzjoni pprovdut minn Ferrari, kien jikkostitwixxi użu ġenwin tat-trade mark bil-kunsens impliċitu tal-manifattur. Hija ddeċidiet bl-istess mod fir-rigward tal-partijiet ta' rikambju u tal-aċċessorji, li l-oriġini tagħhom kienet ivverifikata bħala parti mis-servizz ta' ċertifikazzjoni. Fir-rigward tal-mudelli mċekkna, hija qieset li t-trade mark kienet intużat minn terzi bl-indikazzjoni "prodott uffiċjali taħt liċenzja Ferrari", u li dan kien jiggerantixxi l-oriġini kummerċjali tal-ġugarelli u kien juri użu ġenwin imwettag bil-kunsens impliċitu ta' Ferrari. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li Ferrari kienet effettivament żammet l-użu tat-trade mark TESTAROSSA għall-prodotti kollha inkwistjoni.

⚖️ Sentenza tat-2 ta' Lulju 2025 fil-kawżi Ferrari vs EUIPO – Hesse (TESTAROSSA) ([T-1103/23](#) u [T-1104/23](#))



Kompetizzjoni

L-Unjoni Ewropea tiżgura l-osservanza tar-regoli li jipproteġu l-kompetizzjoni ħielsa. Il-prattiki li għandhom bħala għan jew bħala effett li jipprekludu, li jillimitaw jew li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern huma pprojbiti u jistgħu jiġu ssanzjonati b'multi. Id-dritt ta' kull persuna li titlob kumpens għal dannu kkawżat minn aġir antikompetittiv isaħħaħ in-natura operattiva tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u huwa ta' natura li jiskoraġġixxi l-aġir li jippreġudika l-kompetizzjoni libera.

➤ Apple kienet iżżomm kummissjoni fuq il-prezz tal-bejgħ tal-applikazzjonijiet terzi mibjugħa fl-App Store tagħha. Skont żewġ fondazzjonijiet Olandiżi li jiddefendu l-interessi kollettivi ta' numru ta' utenti mhux identifikati, iżda identifikabbli, ta' apparati Apple, dawn il-kummissjonijiet kienu eċċessivi u dawn l-utenti kienu jġarrbu dannu. Huma ddenunzjaw l-aġir antikompetittiv ta' Apple u għalhekk adixxew lill-qorti Olandiżi. Madankollu, Apple kkontestat il-ġurisdizzjoni tal-qorti Olandiża abbażi tal-argument li d-dannu allegat ma kienx seħħ fil-Pajjiżi l-Baxxi u, b'mod partikolari, f'Amsterdam. Il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar dan u rrilevat li l-App Store inkwistjoni kien speċjalment maħsub għas-suq Olandiż. Id-dannu allegatament imġarrab fil-kuntest tax-xiri minn dan l-ispazju virtwali seta' għalhekk jimmaterjalizza f'dak it-territorju, u dan irrispettivament minn fejn kienu jinsabu l-utenti kkonċernati fil-mument tax-xiri. Għalhekk il-qorti Olandiża kellha ġurisdizzjoni internazzjonali u territorjali.



Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2025 fil-kawża Stichting Right to Consumer Justice u Stichting App Stores Claims (C-34/24)

➤ FI-2018, il-grupp Taljan Enel nieda l-applikazzjoni JuicePass sabiex jippermetti lis-sewwieqa ta' vetturi elettriċi jsibu u jirriżervaw stazzjonijiet tal-iċċarġjar. Peress li xtaq jiffaċilita l-użu ta' din l-applikazzjoni direttament mill-iskrin tal-infotainment tal-vetturi, Enel talab lil Google sabiex tagħmel din l-applikazzjoni kompatibbli ma' Android Auto, is-sistema tagħha għas-sewqan konness. Madankollu, Google rrifjutat li tadatta l-pjattaforma tagħha sabiex tiżgura din l-interoperabbiltà, u dan wassal lill-awtorità tal-kompetizzjoni Taljana sabiex timponi multa ta' iktar minn EUR 100 miljun għal abbuż minn pożizzjoni dominanti. Filwaqt li kkontestat din is-sanzjoni, Google adixxiet lill-Kunsill tal-Istat Taljan, li ddeċieda li jagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li impriża f'pożizzjoni dominanti tipprekludi l-aċċess għal pjattaforma diġitali li hija tkun żviluppat, billi tirrifjuta li tiżgura l-interoperabbiltà tagħha ma' applikazzjoni żviluppata minn impriża terza, jista' jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti, anki jekk din il-pjattaforma ma tkunx indispensabbli għall-użu kummerċjali tal-applikazzjoni. Fil-fatt, tali abbuż jista' jiġi kkonstatat meta l-pjattaforma tkun ġiet żviluppata bl-għan li tippermetti l-użu tagħha minn impriżi terzi u meta din tkun ta' natura li tirrendi l-applikazzjoni iktar attraenti għall-konsumaturi. Madankollu, ir-rifjut jista' jkun iġġustifikat meta l-għoti tal-interoperabbiltà jipperikola s-sigurtà jew l-integrità tal-pjattaforma, jew meta jkun impossibbli għal raġunijiet tekniċi oħra li tiġi żgurata tali interoperabbiltà. Fil-każijiet l-oħra, l-impriża dominanti għandha tiżviluppa mudell li jiżgura din l-interoperabbiltà, fi żmien raġonevoli neċessarju għal dan l-għan u, jekk ikun il-każ, b'korrispettiv finanzjarju xieraq.




Sentenza tal-25 ta' Frar 2025 fil-kawża Alphabet *et* (C-233/23)

✎ FI-2015, il-klabb tal-futbol Belġjan RFC Seraing iffirma kuntratti mal-kumpanija Maltija Doyen Sports, li kienu jippermettulu jiffinanzja l-plejers tiegħu bi skambju għal parti mid-drittijiet ekonomiċi tagħhom. Il-FIFA, li kkunsidrat li dawn il-kuntratti kienu kuntrarji għar-regoli tagħha li jipprojbixxu ż-żamma ta' drittijiet ekonomiċi minn terzi, issanzjonat lil dan il-klabb, liema sanzjonijiet ġew ikkonfermati mill-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport (QAS) u mbagħad mill-Qorti Federali Svizzera. Sussegwentement, RFC Seraing ikkontesta dawn ir-regoli quddiem il-qrati Belġjani. Adita b'domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-qrati nazzjonali jiġu preklużi milli jistħarrġu deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fil-kuntest ta' arbitraġġ impost minn federazzjoni sportiva internazzjonali jikser id-dritt tal-Unjoni. Hija sostniet li d-deċiżjonijiet tal-QAS għandhom ikunu jistgħu jiġu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv. Dan l-istħarriġ għandu b'mod partikolari jippermetti li tiġi vverifikata l-kompatibbiltà ta' dawn id-deċiżjonijiet mal-ordni pubbliku tal-Unjoni, li minnu jagħmlu parti, fost l-oħrajn, ir-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kif ukoll il-libertajiet fundamentali tas-suq intern, li jinkisbu miżuri provviżorji u, jekk ikun neċessarju, li jintalab rinviju għal deċiżjoni preliminari. Qorti nazzjonali għandha għalhekk twarrab kull regola, nazzjonali jew li toriġina minn assoċjazzjoni sportiva, li tipprekludi tali stħarriġ, sabiex tiggarrantixxi l-protezzjoni tal-isportivi u tal-klabbs meta deċiżjoni tippreġudika d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-kompetizzjoni jew tal-moviment liberu.

 Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025 fil-kawża Royal Football Club Seraing ([C-600/23](#))


✎ Il-Qorti Ġenerali essenzjalment ikkonfermat id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ikkonstatat li seba' banek kbar ta' investment kienu pparteċipaw, bejn l-2007 u l-2011, f'akkordju fis-settur tal-bonds tal-Gvern Ewropej, permezz ta' skambji ta' informazzjoni sensitiva u ta' prattiki intiżi sabiex jinkisbu vantaġġi indebiti fis-swieq primarji u sekondarji. Il-Kummissjoni kienet imponiet multi ta' EUR 371 miljun fuq Nomura, UBS u UniCredit, filwaqt li Bank of America, Natixis u NatWest ma kinux ġew issanzjonati għal raġunijiet ta' preskrizzjoni jew ta' klemenza. Fir-rigward ta' Portigon, il-multa tagħha kienet ġiet stabbilita għal zero minħabba d-dħul mill-bejgħ nett negattiv tagħha. Adita minn sitta minn dawn il-banek, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu kif ukoll ir-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet għall-atti tal-operaturi tas-suq tagħhom, filwaqt li naqqset ftit il-multi imposti fuq Nomura, minħabba żball ta' kalkolu tal-Kummissjoni, u fuq UniCredit, peress li l-perijodu kkunsidrat għall-aġir antikompetittiv tagħha kien ġie sopravvalutat. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-interess leġittimu tal-Kummissjoni li tikkonstata l-ksur anki fir-rigward ta' Bank of America u ta' Natixis, anki mingħajr ma imponiet multa fuqhom, peress li l-identifikazzjoni tagħhom kienet ikkontribwixxiet sabiex tiġi ċċarata l-portata tal-kollużjoni.

 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2025 fil-kawża UBS Group u UBS vs Il-Kummissjoni, Natixis vs Il-Kummissjoni, UniCredit u UniCredit Bank vs Il-Kummissjoni, Nomura International u Nomura Holdings vs Il-Kummissjoni, Bank of America u Bank of America Corporation vs Il-Kummissjoni u Portigon vs Il-Kummissjoni (Bonds tal-Gvern Ewropej) ([T-441/21](#), [T-449/21](#), [T-453/21](#), [T-455/21](#), [T-456/21](#), [T-462/21](#))

Kooperazzjoni ġudizzjarja

L-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jinkludi miżuri li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri. Din il-kooperazzjoni hija bbażata fuq ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u għandha l-għan li tarmonizza d-drittijiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali billi tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, tal-persuni ssuspettati u tad-detenuti fl-Unjoni.

✎ Ex mexxejja tal-ETA, li kienet diġà ġiet kkundannata fi Franza għal 20 sena ħabs għal reati relatati mat-terroriżmu, kienet is-suġġett ta' proċeduri mmexxija fi Spanja għall-istess attentat imwettaq fl-1997, proċeduri li setgħu jwasslu sabiex il-kundanna tagħha tilħaq mill-inqas 50 sena mingħajr ebda limitu legali. Adita minn imħallef Spanjol b'domanda dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li fl-Unjoni persuna ma tistax tkun darbtejn is-suġġett ta' proċeduri għall-istess fatti, anki jekk il-klassifikazzjoni ġuridika tkun differenti minn Stat għall-ieħor. F'dan il-każ, kien l-imħallef Spanjol li kellu jivverifika jekk il-fatti li ġew ikkundannati fi Franza kinux materjalment identiċi għal dawk li għalihom il-persuna kienet is-suġġett ta' proċeduri fi Spanja.

 Sentenza tal-11 ta' Settembru 2025 fil-kawża MSIG ([C-802/23](#))



Ħajja privata

L-Unjoni Ewropea għandha leġiżlazzjoni ddettaljata dwar il-protezzjoni tad-data personali. L-ipproċessar u ż-żamma ta' din id-data għandhom josservaw il-kundizzjonijiet previsti f'din il-leġiżlazzjoni, għandhom ikunu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju u ma għandhomx jippreġudikaw sproporzjonatament id-dritt għall-ħajja privata.

↘ Mara kienet skopriet li reklam falz ippublikat fis-sit Rumen www.publi24.ro sostna li hija kienet toffri servizzi sesswali u kien jinkludi ritratti u n-numru tat-telefon tagħha użati mingħajr il-kunsens tagħha. Russmedia Digital, li kienet topera s-sit, neħħiet ir-reklam fi żmien siegħa, iżda kienu diġà saru kopji ta' dan ir-reklam fuq siti oħra. Wara li kisbet kumpens fl-ewwel istanza u wara li din il-kumpannija ġiet eżentata fl-appell minħabba li kienet sempliċi fornitur ta' servizzi ta' hosting, din il-mara ressqet il-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, li staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-obbligi ta' operatur ta' suq online fir-rigward tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-operatur ta' sit ta' suq online huwa responsabbli għall-ipproċessar tad-data personali li tkun tinsab fir-reklami ppublikati fuq il-pjattaforma tiegħu u għandu, qabel kwalunkwe pubblikazzjoni, jidentifika r-reklami li jinkludu data sensittiva, jivverifika l-identità jew il-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-data, u jirrifjuta l-pubblikazzjoni fl-assenza ta' dan il-kunsens. Hija ppreċiżat ukoll li l-operatur kellu jimplementa miżuri tekniċi sabiex jipprevjeni li jsiru kopji illegali ta' reklami sensittivi f'siti oħra u li huwa ma setax jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista mid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku sabiex jevita l-obbligi imposti mill-GDPR.



Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2025 fil-kawża Russmedia Digital u Inform Media Press ([C-492/23](#))

↘ Assoċjazzjoni kkontestat quddiem l-awtorità għall-protezzjoni tad-data personali Franċiża l-obbligu impost fuq il-klijenti ta' SNCF Connect li jindikaw "Monsieur" jew "Madame" waqt xiri online, billi qieset li dan il-ġbir ta' identità tal-ġeneru ma kienx neċessarju fid-dawl tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hija biss id-data strettament utli li tista' tinġabar u li l-ipproċessar ikun legali biss jekk ikun indispensabbli għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew jekk ikun iġġustifikat minn interess leġittimu spjegat b'mod ċar. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan l-ipproċessar ma jistax jiġi iġġustifikat minn interess leġittimu jekk dan ma jkunx imħabbar, jekk imur lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju jew jekk ikun hemm ir-riskju li jippreġudika d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fil-qasam tad-diskriminazzjoni marbuta mal-ġeneru. Il-ġbir ta' data dwar it-titolu tal-klijenti ma huwiex oġġettivament indispensabbli, b'mod partikolari meta dan ikollu bħala għan il-personalizzazzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali.



Sentenza tad-9 ta' Janjar 2025 fil-kawża Mousse ([C-394/23](#))

✎ Klijenta Awstrijaka ġiet miċħuda kuntratt tat-telefon ta' EUR 10 fix-xahar wara li kumpannija privata, b'mod kompletament awtomatizzat, ikkunsidrat li din il-klijenta kienet insolventi. Il-qorti Awstrijaċi kkonstataw li din il-kumpannija ma kinitx osservat ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) peress li kienet naqset milli tispjega kif ittieħdet id-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-suġġett tad-data għandu d-dritt għal spjegazzjoni li tinftiehem meta d-data personali tiegħu tiġi pproċessata: huwa meħtieġ li jiġi indikat liema data ntużat u kif din id-data influwenzat ir-riżultat, jekk ikun il-każ billi jintwera x'kien jinbidel li kieku ċerta data kienet differenti. L-impriża ma tistax tinħeba wara s-sigriet kummerċjali sabiex tirrifjuta l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni; jekk tali sigriet jiġi invokat, il-qorti jew l-awtorità ta' superviżjoni għandha tiddeċiedi sa fejn jista' jingħata aċċess.



Sentenza tas-27 ta' Frar 2025 fil-kawża Dun & Bradstreet Austria ([C-203/22](#))

✎ Philippe Latombe, ċittadin Franċiż, talab l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tawtorizza t-trasferiment ta' data personali mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti. Fil-fehma tiegħu, is-sistema Amerikana ma kinitx tipprovdi protezzjoni suffiċjenti, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' indipendenza tad-“Data Protection Review Court” (DPRC) u minħabba l-għbir ġeneralizzat ta' data mis-servizzi tal-intelligence tal-Istati Uniti. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors. Hija qieset li l-Istati Uniti saħħew il-qafas legali tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data wara l-adozzjoni ta' digriet presidenzjali ġdid fl-2022 u li d-DPRC tipprovdi biżżejjed garanziji suffiċjenti ta' indipendenza. Fil-fatt, l-imħallfin jistgħu jitneħħew biss għal raġuni valida u x-xogħol tagħhom ma jistax jiġi influwenzat mill-awtoritajiet tal-intelligence. Il-Qorti Ġenerali qieset ukoll li l-għbir ġeneralizzat tad-data ma jmurx kontra d-dritt tal-Unjoni peress li d-DPRC tiżgura sħarriġ ġudizzjarju *a posteriori*. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea ser tibqa' obligata tissorvelja kontinwament il-konformità ma' dan il-qafas u tista' tissospendi d-deċiżjoni jekk tonqos il-protezzjoni offruta mis-sistema Amerikana.



Sentenza tat-3 ta' Settembru 2025 fil-kawża Latombe vs Il-Kummissjoni ([T-553/23](#))

✎ Il-Qorti Ġenerali kkundannat lill-Kummissjoni Ewropea tħallas EUR 400 bħala danni lil ċittadin Ġermaniż li d-data personali tiegħu kienet ġiet ittrasferita lejn l-Istati Uniti meta rreġistra ruħu għal avveniment fuq is-sit internet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Bl-użu tal-għażla “konnessjoni permezz ta' Facebook” fuq EU Login, l-indirizz IP tal-persuna kkonċernata kien intbagħat lil Meta Platforms mingħajr garanzija adegwata u abbażi ta' ebda deċiżjoni ta' adegwatezza applikabbli f'dak iż-żmien. Il-Qorti Ġenerali qieset li dan it-trasferiment kellu jiġi imputat lill-Kummissjoni, li ma kienet osservat ebda waħda mill-kundizzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni għat-trażmissjoni ta' data lejn pajjiż terz. Hija rrikonoxxiet l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi u ta' dannu morali marbut mal-inċertezza fir-rigward tal-ipproċessar tad-data, li wassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.




Sentenza tat-8 ta' Jannar 2025 fil-kawża Bindi vs Il-Kummissjoni ([T-354/22](#))




L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tħares u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent u li tiproteġi s-saħħa tal-bniedem. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata ksur tad-dritt tal-Unjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mas-sentenza mingħajr dewmien. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid u titlob sanzjonijiet pekunjarji.


➤ Il-Greċja ġiet ikkundannata talli ma eżegwietx sentenza tal-2014 li ordnatilha twaqqaf l-użu ta' landfill li tinsab fil-park nazzjonali marittimu ta' Zakynthos, habitat protett tal-fekruna "*Caretta-caretta*". Minkejja l-iskambji mal-Kummissjoni bejn l-2014 u l-2023, il-landfill ma ngħalqitx u lanqas ma ġiet organizzata konformement mad-direttivi Ewropej dwar l-iskart, u kompliet tirċievi skart sa tmiem l-2017. Filwaqt li kkonstatat dan in-nuqqas persistenti, il-Qorti tal-Ġustizzja imponiet fuq il-Greċja pagamenti ta' penalità ta' EUR 12 500 għal kull jum ta' dewmien sal-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza, kif ukoll somma f'daqqa ta' EUR 5.5 miljuni, minħabba l-gravità u t-tul tal-ksur, ir-riskji ta' dan il-ksur għas-saħħa u għall-ambjent u n-nuqqasijiet repetuti tal-Greċja fl-immaniġġar tal-iskart.

 Sentenza tad-9 ta' Ottubru 2025 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Eżekuzzjoni tas-sentenza dwar il-landfill ta' Zakynthos) ([C-368/24](#))

➤ Fl-Italja, il-ġestjoni fqira tal-ilma urban mormi kienet ir-raġuni għaliex dan l-Istat reġa' sab ruħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Iktar minn għoxrin sena wara l-iskadenza tat-termini previsti mid-Direttiva Ewropea applikabbli u kważi għaxar snin wara l-ewwel sentenza mogħtija fl-2014, diversi agglomerazzjonijiet Taljani komplew jarmu ilma użat mingħajr ġbir jew trattament xieraq. Dak iż-żmien, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà kkonstatat nuqqasijiet fir-rigward ta' 41 agglomerazzjoni. Issa, minkejja li kien hemm titjib, ħamsa minnhom, li kienu jinsabu b'mod partikolari fir-reġjuni ta' Sicilia u ta' Valle d'Aosta, kienu għadhom mhux konformi u, fil-każ ta' erbgħa minnhom, in-nuqqasijiet kienu għadhom jippersistu waqt is-seduta li nżammet f'Novembru 2024. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġu imposti sanzjonijiet finanzjarji. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Italja kienet naqset milli teżegwixxi s-sentenza tal-2014 fit-termini mogħtija u ddeċidiet li dan in-nuqqas fit-tul kien ta' ħsara serja għall-ambjent, b'mod partikolari minħabba li l-ilma urban mormi kkonċernat kien jispiċċa f'żoni sensittivi. Hija għalhekk ikkundannat lill-Italja tħallas somma f'daqqa ta' EUR 10 miljuni, flimkien ma' pagamenti ta' penalità ta' iktar minn EUR 13-il miljun għal kull perijodu ta' sitt xhur ta' dewmien sakemm tkun kompletament konformi, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-gravità tal-ksur, il-perijodu eċċezzjonalment twil tiegħu u l-kapaċità tal-Istat Membru li jħallas.

 Sentenza tas-27 ta' Marzu 2025 fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja (Trattament tal-ilma urban mormi) ([C-515/23](#))


✎ Fis-Slovenja, il-ġestjoni ta' landfill li tinsab fil-komun ta' Teharje, magħrufa bħala Bukovžlak, wasslet għal kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għal diversi snin, il-fdal tat-tħaffir kien jiġi ddepożitat f'din il-landfill mingħajr ma l-awtoritajiet nazzjonali kienu jivverifikaw il-preżenza ta' skart ieħor u mingħajr ma kienu jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jeskludu skart li ma kienx kopert bil-permess, u b'hekk ħolqu landfill illegali. Permezz ta' sentenza tal-2015, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat li din is-sitwazzjoni kienet tikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-immaniġġar tal-iskart. Madankollu, il-miżuri meħtieġa għar-riabilitazzjoni tas-sit ma ġewx implimentati fit-termini mogħtija. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas persistenti ta' azzjoni, il-Kummissjoni Ewropea reġgħet ressqet kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi imposta sanzjoni finanzjarja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-Slovenja kienet naqset milli teżegwixxi s-sentenza tal-2015 minkejja ż-żmien li hija kellha sabiex tagħmel dan u qieset li d-dewmien ma setax jiġi ġġustifikat, b'mod partikolari bl-iskuża tal-pandemija tal-COVID-19. Hija rrilevat li dan in-nuqqas fit-tul wassal għal riskji serji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem għal iktar minn disa' snin. Għaldaqstant, hija kkundannat lis-Slovenja tħallas somma f'daqqa ta' EUR 1.2 miljuni, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-gravità u t-tul tal-ksur kif ukoll il-kapaċità tal-Istat Membru li jħallas.

 Sentenza tat-8 ta' Mejju 2025 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (Landfill ta' Bukovžlak) ([C-318/23](#))

✎ L-Awstrija talbet l-annullament ta' regolament delegat tal-2022 li permezz tiegħu l-Kummissjoni Ewropea inkludiet, taħt kundizzjonijiet stretti, ċerti attivitajiet marbuta mal-enerġija nukleari u mal-gass fossili fil-kategorija ta' investimenti sostenibbli. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors u kkonfermat li l-Kummissjoni ma kinitx marret lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha mil-leġislatur tal-Unjoni. Hija qieset li l-produzzjoni tal-enerġija nukleari hija kważi mingħajr emissjonijiet ta' gassijiet serra u li l-enerġiji rinnovabbli għadhom ma jistgħux, waħedhom, jipprovdu b'mod affidabbli l-elettriku kollu neċessarju. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ukoll li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti r-riskji marbuta mal-enerġija nukleari, mingħajr ma kellha teżiġi livell ta' protezzjoni oġġla mill-istandards eżistenti. Fir-rigward tal-gass fossili, l-inklużjoni tiegħu tqieset konformi mad-dritt tal-Unjoni peress li hija bbażata fuq approċċ progressiv ta' tnaqqis tal-emissjonijiet filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

 Sentenza tal-10 ta' Settembru 2025 fil-kawża L-Awstrija vs Il-Kummissjoni ([T-625/22](#))

✎ Spanja kif ukoll diversi organizzazzjonijiet tas-sajjeda tal-Galicia u tal-Principado de Asturias ikkontestaw regolament tal-Kummissjoni Ewropea li jidentifika żoni tas-sajd fil-baħar fond li jospitaw jew li jistgħu jospitaw ekosistemi marini vulnerabbli, u li fihom huwa pprojbit is-sajd bl-irkaptu tal-qiegħ. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi tagħhom u kkonfermat li din l-identifikazzjoni kienet ibbażata fuq kriterji xjentifiċi affidabbli bbażati fuq il-preżenza kkonfermata jew probabbli ta' speċi protetti u fuq il-karatteristiċi tal-ekosistemi. Il-Kummissjoni la kienet meħtieġa tevalwa l-impatt ta' kull tip ta' rkaptu u lanqas il-konsegwenzi ekonomiċi ta' dawn il-miżuri. Il-Qorti Ġenerali qieset ukoll li l-metodoloġija użata, ibbażata fuq l-opinjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar, ma kinitx tmur lil hinn mill-marġni ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, hija ċaħdet l-argumenti bbażati fuq allegat ksur tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd jew tal-prinċipju ta' proporzjonalità, filwaqt li rrilevat li l-projbizzjoni ma kinitx tirrigwarda s-sajd kollu tal-qiegħ u li ma kienx intwera li ċerti rkapti passivi ma kellhomx effetti dannużi fuq dawn l-ekosistemi fraġli.

 Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2025 fil-kawża Spanja vs Il-Kummissjoni u Madre Querida *et vs* Il-Kummissjoni ([T-781/22](#), [T-681/22](#))

Soċjetà tal-informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja fid-dinja diġitali

 [Ara l-video](#)



L-Unjoni Ewropea għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni, bil-għan li toħloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u għall-kompetittività, filwaqt li tipproteġi d-drittijiet tal-konsumatur u filwaqt li tipprovdi ċertezza legali. Hija tiżgura swieq diġitali ġusti u miftuħa, u tneħħi l-ostakoli għas-servizzi online transkonfinali fis-suq intern sabiex tiżgura l-moviment liberu tagħhom.

✎ F'April 2023, il-Kummissjoni Ewropea identifikat il-ħanut online Zalando bħala “pjattaforma online kbira ħafna” skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) peress li iktar minn 83 miljun persuna jużaw is-servizzi tiegħu kull xahar, li huwa ferm ogħla mil-limitu ta’ 45 miljun previst fid-DSA. Zalando kkontestat din l-indikazzjoni, iżda l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħha. Hija kkonfermat li Zalando fil-fatt tikkostitwixxi pjattaforma online peress li tospita bejjiegħa terzi permezz tal-“Partner Programme” tagħha, anki jekk l-attività tagħha stess ta’ bejgħ dirett (“Zalando Retail”) ma taqax f’din il-kategorija. Il-Kummissjoni setgħet tqis li l-utenti kollha kienu esposti għall-informazzjoni tal-bejjiegħa terzi. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argumenti bbażati fuq ksur tal-prinċipji ta’ ċertezza legali, ta’ ugwaljanza fit-trattament ugwali u ta’ proporzjonalità, filwaqt li fakkret li tali pjattaformi għandhom ikunu suġġetti għal obbligi msaħħa sabiex jitnaqqsu r-riskji ta’ distribuzzjoni ta’ prodotti perikolużi jew illegali.

 Sentenza tat-3 ta’ Settembru 2025 fil-kawża Zalando vs Il-Kummissjoni ([T-348/23](#))

✎ Il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet, għas-sena 2023, it-tariffa ta’ sorveljanza dovuta minn Facebook, Instagram u TikTok bħala “pjattaformi online kbar ħafna” skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA). Hija ddeċidiet li l-metodu użat sabiex tiġi kkalkolata t-tariffa, ibbażat fuq in-numru medju ta’ utenti fix-xahar, kellu jiġi adottat f’att delegat u mhux f’sempliċi deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni peress li dan il-metodu jikkostitwixxi element essenzjali tal-kalkolu. Madankollu, peress li ebda żball ma kien jaffettwa l-obbligu ta’ dawn il-pjattaformi li jħallsu t-tariffa, il-Qorti Ġenerali żammet fis-seħħ proviżorjament l-effetti tad-deċiżjonijiet annullati matul il-perijodu li teħtieġ il-Kummissjoni sabiex tadotta metodoloġija konformi u deċiżjonijiet ġodda. Madankollu, dan il-perijodu tranżitorju ma jistax ikun ta’ iktar minn tnax-il xahar minn meta s-sentenzi jsiru finali.

 Sentenza tal-10 ta’ Settembru 2025 fil-kawża Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni u Tiktok Technology vs Il-Kummissjoni ([T-55/24](#), [T-58/24](#))

➤ Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Amazon intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li identifikat il-pjattaforma Amazon Store bħala "pjattaforma online kbira ħafna" fis-sens tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), li jimponi obbligi msaħħa fuq is-servizzi b'iktar minn 45 miljun utent fl-Unjoni. Amazon invokat ksur ta' diversi drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fosthom il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-proprjetà, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-libertà ta' espressjoni kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-informazzjoni kunfidenzjali. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li l-obbligi imposti mid-DSA, għalkemm jistgħu jinvolvu spejjeż u jistgħu jaffettwaw l-organizzazzjoni tal-pjattaforma, huma previsti mil-liġi, huma proporzjonati u huma ġġustifikati mill-għan ta' interess ġenerali ta' prevenzjoni tar-riskji sistemiċi marbuta mal-pjattaformi kbar ħafna, b'mod partikolari t-tixrid ta' kontenut illegali u l-protezzjoni tal-konsumatur. Minn dan hija kkonkludiet li l-miżuri kkontestati, bħalma huma l-għażla ta' rakkomandazzjoni mingħajr il-bini ta' profil, ir-reġistru pubbliku tar-reklami jew l-aċċess ta' riċerkaturi għad-data, ma jippreġudikawx il-kontenut essenzjali tad-drittijiet invokati u huma marbuta ma' garanziji stretti f'termini ta' kunfidenzjalità u ta' sigurtà.



Sentenza tad-19 ta' Novembru 2025 fil-kawża Amazon EU vs Il-Kummissjoni ([T-367/23](#))



Aċċess għal dokumenti

It-trasparenza fil-ħajja pubblika hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, kull ċittadin jew kull persuna ġuridika tal-Unjoni Ewropea jistgħu, bħala prinċipju, ikollhom aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet Ewropej.

↳ Ġurnalista tan-*New York Times* talbet lill-Kummissjoni Ewropea ttiha aċċess għall-messaġġi skambjati bejn il-Presidenta Ursula von der Leyen u l-President-Direttur Ġenerali ta' Pfizer peress li qieset li dawn il-messaġġi kienu nużaw matul in-negozjati dwar ix-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19. Il-Kummissjoni rrifjutat it-talba filwaqt li ddikjarat li dawn il-messaġġi ma kinux fil-pussess tagħha. Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-ispjegazzjonijiet mogħtija kienu vagi u ma kinux konsistenti, u li l-Kummissjoni ma kinitx indikat b'mod ċar fejn u kif hija kienet fittxet dawn id-dokumenti, u lanqas jekk il-messaġġi kinux tħassru jew kinux intilfu. Barra minn hekk, il-ġurnalista kienet ressqet elementi kredibbli li kienu juru li kien probabbli ħafna li dawn l-iskambji kienu seħħew. Il-Qorti Ġenerali qieset li istituzzjoni Ewropea ma tistax sempliċement tiċħad li jkollha dokumenti mingħajr prova serja, speċjalment fil-każ ta' deċiżjonijiet pubbliċi daqstant importanti. Għaldaqstant, hija annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti.

 Sentenza tal-14 ta' Mejju 2025 fil-kawża Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni ([T-36/23](#))

Id-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni jipproponi lill-professjonisti tal-liġi, fil-kuntest tal-Kollezzjoni tas-Sunti tiegħu, "[Selezzjoni tal-iktar sentenzi importanti](#)" u "[Bullettini tal-ġurisprudenza ta' kull xahar](#)" tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.



B

Amministrazzjoni li
taqdi l-ġustizzja



A. Daħla mir-Reġistratur



Alfredo Calot Escobar

Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

Is-sena 2025 kienet stadju importanti fl-evoluzzjoni tal-Istituzzjoni – sena ambizzjuża, intiża li ssaħħaħ il-pedamenti li hija mibnija fuqhom, filwaqt li tippreparaha għall-bidliet li qed jistennewha.

F'kuntest ikkaratterizzat minn teknoloġiji ġodda, minn ċerti aġġustamenti fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll minn aspettattivi kbar mill-Unjoni, huwa importanti li jitfakkru l-valuri li fuqhom huwa bbażat il-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja: il-kwalità u l-ħeffa tal-ġustizzja, il-prossimità maċ-ċittadini, id-diversità lingwistika u kulturali kif ukoll ġestjoni ottimali tar-riżorsi fdati lilha. Huwa proprju sabiex jiġi żgurat li dawn il-valuri jinżammu li l-Qorti tal-Ġustizzja temmet diversi proġetti strateġiċi maħsuba sabiex jippermettulha taffronta l-bidliet mistennija.

Fil-qasam ġudizzjarju, is-sena 2025 kienet l-ewwel sena sħiħa mid-dħul fis-seħħ tat-**trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali**. Id-dipartimenti kollha tal-Istituzzjoni, imsaħħa permezz ta' preparazzjoni fid-dettall, żguraw l-implimentazzjoni bla problemi u kkontrollata tar-riforma, u wrew il-kapaċità tagħhom li jadattaw ruħhom u li jsostnu liż-żewġ qrati fid-dawl tal-isfidi l-ġodda tagħhom. L-ewwel rendikont mislut mill-implimentazzjoni tar-riforma huwa pożittiv ħafna, peress li ntlaħqu l-għanijiet kollha: it-trasferiment jikkontribwixxi għat-titjib tat-trattament tal-kawżi u għall-kisba sħiħa tal-benefiċċji tar-riforma tal-istruttura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għall-benefiċċju tal-partijiet kollha quddiemha. Fl-istess ħin, ir-regoli l-ġodda dwar il-pubblikazzjoni tal-osservazzjonijiet fil-proċeduri għal deċiżjoni preliminari ġew implimentati b'suċċess u jiżguraw komprensjoni aħjar tal-mekkaniżmu tad-deċiżjoni preliminari u tal-kwistjonijiet legali li jkun qegħdin jiġu diskussi.

It-tqarrib tal-Qorti tal-Ġustizzja lejn iċ-ċittadini kien ukoll wieħed mill-prijoritajiet tas-sena. Id-dipartimenti tal-Istituzzjoni responsabbli għall-komunikazzjoni u għat-teknoloġija tal-informazzjoni, b'ħidma mill-qrib bejniethom, għamlu sforzi kontinwi sabiex jiddisinjaw is-sit internet il-ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jinkorpora magna ta' tfittxija ddisinjata kompletament mill-ġdid u li jintegra l-għodda għax-xandir online tas-seduti. Fl-istess ħin, id-diversità tal-kanali ta' komunikazzjoni ġiet

imsaħħa, b'mod partikolari bit-tnedija ta' Curia Web TV, għodda ġdida, moderna u edukattiva li, permezz ta' formati awdjoviżivi attraenti, tikkontribwixxi għal komprensioni aħjar tal-attività ġudizzjarja. Fi kliem ieħor, l-Istituzzjoni issa ma għandhiex biss sit li jinqara aħjar u li huwa iktar faċli għall-utent: hija implimentat, bis-saħħa tal-isforzi sabiex tissaħħaħ il-preżenza tagħha fin-networks soċjali, il-modernizzazzjoni tal-politika tagħha ta' komunikazzjoni esterna mmirata lejn il-pubbliku ġenerali u lejn il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar.

L-attraenza, barra minn hekk, ikkostitwixxiet il-linja gwida tal-**politika tar-riżorsi umani** tal-Qorti tal-Ġustizzja, li implimentat diversi inizjattivi sabiex issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tqajjem l-interess ta' kandidati mill-Istati Membri kollha u mill-profil kollha. Għalhekk, l-Istituzzjoni impenjat ruħha li toħloq proċessi ta' rekrutazzjoni iktar attraenti, inklużivi u trasparenti, sabiex tespandi l-għadd ta' kandidati interessati li jingħaqdu mal-Qorti tal-Ġustizzja. Uħud minn dawn l-azzjonijiet kienu jindirizzaw direttament it-titjib tal-kundizzjonijiet marbuta mal-istages, bil-għan li l-għajnuna mogħtija lill-istagjaires jiggarrantixxu aċċess f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza lil kull gradwat żagħżuġh li jkun jixtieq jiskopri l-Istituzzjoni. Azzjonijiet oħra kienu jikkonsistu f'azzjonijiet iktar intensivi ta' sensibilizzazzjoni fost l-Istati Membri li n-nazzjonalitajiet tagħhom huma inqas irrappreżentati fl-Istituzzjoni, dejjem bix-xewqa li tissaħħaħ id-diversità kulturali u lingwistika tal-persunal tagħha. Fl-aħħar nett, diversi inizjattivi ppermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja tiżviluppa iktar il-politika tagħha ta' aċċessibbiltà u ta' inklużjoni, sabiex toffri lil persuni b'diżabilità l-opportunità li jingħaqdu mal-Istituzzjoni fuq bażi fit-tul u jgħinuha ssir dejjem iktar ambizzjuża f'dan il-qasam.

Filwaqt li ħaddnet l-ispirtu tagħha ta' innovazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet passi sinjifikattivi fil-qasam teknoloġiku. Komplet il-ħidma fuq l-integrazzjoni u l-iżvilupp ta' **għodda bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali**, flimkien ma' xogħol sinjifikattiv, fl-istess ħin, fuq it-tfassil ta' qafas etiku li huwa kompletament adattat għar-rekwiżiti marbuta mal-missjoni ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tfittex li tiffaċilita l-użu ta' għodda dejjem iktar promettenti bit-tnejja ta' Karta dwar l-etika tal-integrazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali u bit-tfassil ta' gwida speċifika dwar l-użu tal-għodda tal-IA mnedija fi ħdan l-Istituzzjoni. Madankollu, din l-għodda teħtieġ komprensjoni tajba tal-limiti tagħha, tar-riskji marbuta magħha u tal-ħtieġa li dejjem tiġi żgurata superviżjoni mill-bniedem. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja komplet tavvanza b'determinazzjoni, iżda wkoll bi prudenza, b'mod partikolari billi estendiet il-possibiltajiet ta' taħriġ offruti lill-membri tal-persunal sabiex jingħataw sostenn fir-rigward ta' dawn l-użi l-ġodda.

Valuri b'saħħithom, ambizzjonijiet ċari u impenn kontinwu mġedded favur il-kwalità tal-ġustizzja Ewropea: dan jiġbor fil-qosor is-sena 2025, li għandna nkunu kburin biha, għad-dipartimenti tal-Istituzzjoni.



B. L-avvenimenti ewlenin tas-sena

↘ Is-sena 2025: sena kruċjali għar-riforma ġudizzjarja tal-Unjoni

Is-sena 2025 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tat-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali u tirrappreżenta l-kulminazzjoni ta' proċess li ilu għaddej għal żmien twil. Fil-fatt, il-pedamenti ta' din ir-riforma kienu ġew stabbiliti fit-Trattat ta' Nice (2001) u mbagħad ġew ikkonfermati fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-2015.

L-għan ta' din ir-riforma kien li tissaħħaħ l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni filwaqt li jiġi żgurati tqassim iktar ibbilanċjat tal-volum tax-xogħol bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali. Din ir-riforma kienet possibbli permezz tal-irdoppjar tan-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali, li ntlaħaq kompletament fl-2022 u li ta lill-Qorti Ġenerali kapaċitajiet meħtieġa sabiex tittratta kawżi addizzjonali.

L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma kienet teħtieġ emendi sinjifikattivi għall-Istatut u għar-Regoli tal-Proċedura. L-emendi tal-Istatut, proposti mill-Qorti tal-Ġustizzja, ġew adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Min-naħa tagħhom, l-emendi tar-Regoli tal-Proċedura, li saru wara r-reviżjoni tal-Istatut sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tiegħu, ġew approvati mill-Kunsill.

L-aħħar fażi ta' din ir-riforma ntemmet fl-1 ta' Ottubru 2024, bid-dħul fis-seħħ ta' regoli ġodda li jimplimentaw it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali u li jimmodernizzaw il-proċeduri quddiem iż-żewġ qrati. Wara sena sħiħa mid-dħul fis-seħħ tagħha, l-ewwel rendikont mislut mir-riforma juri li l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali integraw b'mod sħiħ dawn il-modalitajiet ta' funzjonament ġodda, għall-benefiċċju tal-partijiet kollha involuti fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari.

X'inhu rinviju għal deċiżjoni preliminari?

Id-dritt tal-Unjoni jagħmel parti mid-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru tal-Unjoni. Minn dan isegwi li d-dritt tal-Unjoni jista' jiġi invokat quddiem il-qrati nazzjonali, li japplikaw id-dritt tal-Unjoni direttament.

F'każ ta' dubju dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat f'kawża, l-imħallfin nazzjonali jistgħu jagħmlu, u f'ċerti każijiet għandhom jagħmlu, domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja u, f'ċerti oqsma speċifiċi, lill-Qorti Ġenerali. B'hekk huma jkunu jstgħu jiksbu kjarifiki dwar it-tifsira ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jew dwar il-validità tagħha. Dan jippermettilhom japplikaw id-dritt tal-Unjoni b'mod korrett u konsistenti.


Il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjonijiet preliminari

Il-Qorti Ġenerali issa għandha kompetenza sabiex teżamina talbiet għal deċiżjoni preliminari dwar oqsma speċifiċi, li huma ddefiniti b'mod ċar, li jistgħu jiġu distinti faċilment minn suġġetti oħra u li taw diġà lok għal korp sinjifikattiv ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din ir-riforma għalhekk tipprovdi tnaqqis reali fil-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja billi ttrasferixxiet lill-Qorti Ġenerali t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw oqsma speċifiċi, jiġifieri (1) is-sistema komuni tal-VAT, (2) id-dazji tas-sisa, (3) il-Kodiċi Doganali, (4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija, (5) il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ ta' rifjut ta' imbarkazzjoni, ta' dewmien jew ta' annullament, u (6) is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Il-“one-stop shop”: proċedura effiċjenti

Ir-riforma ma biddlitx il-proċedura għat-tressiq ta' talbiet għal deċiżjonijiet preliminari: kollha jibqgħu jittressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Mill-banda l-oħra, mekkaniżmu ta' “one-stop shop” jippermetti li jiġu identifikati t-talbiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ġenerali. Id-deċiżjoni dwar jekk kawża tibqax quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew tiġix ittrasferita tittieħed jew mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, wara li jinstemgħu l-Viċi President u l-Avukat Ġenerali Ewlieni, jew mill-Qorti tal-Ġustizzja f'laqgħa plenarja.

Fil-Qorti Ġenerali, żewġ awli speċjalizzati, li bħala prinċipju jkunu kkostitwiti minn ħames Imħallfin, issa għandhom il-kompetenza li jisimgħu dawn il-kawżi. Barra minn hekk, numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali ġew innominati wkoll sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti Ġenerali, bil-għan li tiġi żgurata proċedura ekwivalenti għal dik quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.



Appell u eżami mill-ġdid

Fil-każijiet ta' deċiżjonijiet preliminari, minħabba n-natura tal-proċedura, id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, hemm mekkaniżmu ta' eżami mill-ġdid: fi żmien xahar, l-Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja jista' jipproponi lil din tal-aħħar teżamina mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali jekk ikun hemm riskju serju ta' preġudizzju għall-unità jew għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

Rendikont wara sena

Minn meta daħlet fis-seħħ ir-riforma, il-“one-stop shop” il-ġdid diġà ttratta kważi mitt talba għal deċiżjoni preliminari. Kważi 85 % minnhom ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali għaliex kienu jaqgħu esklużivament f'wieħed jew iktar mis-sitt oqsma ta' kompetenza speċifika previsti mis-sistema l-ġdida.

Kawżi għal deċiżjoni preliminari ttrasferiti quddiem il-Qorti Ġenerali – Qasam li kien is-suġġett tal-kawża

	2024	2025
Sistema komuni tal-VAT	8	24
Dazji tas-sisa	6	7
Il-Kodiċi Doganali	1	8
Klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija	1	7
Kumpens u assistenza lill-passiġġieri (rifjut ta' imbarkazzjoni, dewmien jew kanċellazzjoni)	3	18
Sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra	-	1
Total	19	65

Fl-2025, il-Qorti Ġenerali ttrattat l-ewwel kawżi ttrasferiti fil-kuntest tas-sistema l-ġdida. F'dan il-kuntest, ingħalqu sittax-il kawża, mingħajr il-bżonn li tinżamm seduta jew li jiġu ppreżentati konklużjonijiet. Il-maġġoranza – ħdax-il kawża – ingħalqu permezz ta' digriet. Ħames kawżi ġew deċiżi permezz ta' sentenza. Il-perijodi li fihom ġew ittrattati dawn il-kawżi kienu partikolarment qosra: medja ta' 10.9 xhur għall-kawżi maqtugħa b'sentenza, mill-“one-stop shop” sad-deċiżjoni finali (medja ta' 6.2 xhur jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kawżi maqtugħa b'sentenza jew b'digriet).

Għalhekk is-sistema qed taħdem b'mod effiċjenti, u r-riżultati inizjali juru li r-riforma qiegħda tilħaq l-għanijiet tagħha: jiġifieri li tħaffef it-trattament tal-kawżi u li ttejjeb it-tqassim tal-volum tax-xogħol tal-qrati tal-Unjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tal-impriżi.



Tixtieq tkun taf iktar?

Sabiex jippermetti lill-professionisti legali u, b'mod partikolari, lill-qrati nazzjonali, jifhmu aħjar kif jaħdem il-“one-stop shop” u l-kriterji għat-tqassim tal-kompetenzi, l-Istituzzjoni ppubblikat [dokument](#) dwar l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali. Dan id-dokument huwa disponibbli fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja u jinkludi lista tat-talbiet imressqa matul l-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ filwaqt li jispeċifika, għal kull waħda minnhom, jekk ġietx ittrasferita lill-Qorti Ġenerali jew jekk inżammitx quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, bir-raġunijiet korrispondenti.

<https://curia.europa.eu/site/article50breport>

Tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

 [Ara l-video](#)



↘ Ġustizzja Ewropea iktar trasparenti

Is-sena 2025 kienet sena importanti fir-rigward tal-politika ta' komunikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Imħeġġa mill-iżviluppi teknoloġiċi u mir-rieda li tagħmel il-ġustizzja Ewropea iktar faċli li tintfiehem miċ-ċittadini u iktar aċċessibbli għalihom, l-Istituzzjoni intensifikat diversi inizjattivi ffokati fuq il-modernizzazzjoni tal-kanali ta' informazzjoni tagħha u fuq il-promozzjoni ta' komprensjoni aħjar, mill-pubbliku, tal-missjoni u tal-attivitajiet tagħha.

Networks soċjali ġodda għal prossimità ikbar maċ-ċittadini

Illum il-ġurnata, in-networks soċjali jagħmlu parti mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u huma sors importanti ta' informazzjoni għal ħafna minnhom, speċjalment għall-ġenerazzjonijiet iż-żgħħar. Sabiex tiġi indirizzata din il-ħtieġa u sabiex b'hekk jiġi żgurat it-tixrid ta' informazzjoni affidabbli u korretta dwar l-attivitajiet tagħha kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini, fl-2025 il-Qorti tal-Ġustizzja ddiversifikat il-preżenza tagħha fin-networks soċjali billi fetħet kontijiet fuq erba' pjattaformi ġodda: Bluesky, Threads, WhatsApp, u Instagram.

Bis-saħħa ta' dawn il-kanali ġodda, li jikkomplimentaw l-offerta ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq LinkedIn, X, YouTube u Mastodon, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tilħaq udjenzi ġodda u tista' tikkomunika – b'mod adattat għall-bżonnijiet tagħhom u direttament magħhom – dwar l-attivitajiet tagħha kif ukoll dwar l-importanza tar-rwol tagħha fil-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u fil-ħarsien ta' Ewropa bbażata fuq valuri demokratiċi.

Permezz ta' dawn il-kanali ta' komunikazzjoni, il-pubbliku jista' jikseb, faċilment, f'kull ħin u minn kull post, informazzjoni ċara dwar l-aħbarijiet ġudizzjarji tal-Qorti tal-Ġustizzja, u dan flimkien, sa mill-bidu tas-sena 2026, ma' offerta awdjoviżiva innovattiva u arrikkita fil-forma tat-tnedija tal-pjattaforma awdjoviżiva l-ġdida Curia Web TV.



Is-seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja aċċessibbli mill-Ewropa kollha

Is-seduti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, li huma parti ewlenija mill-proċedura, jinżammu fil-Lussemburgu u huma miftuħa għall-pubbliku, u għalhekk kull ċittadin jista' jattendi għalihom. Fl-interess tat-trasparenza u tal-aċċessibbiltà tal-Ġustizzja għall-450 miljun ċittadin Ewropew, li huma affettwati direttament mid-deċiżjonijiet tal-qorti tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja introduċiet sistema li tippermetti lil kulħadd jattendi għas-seduti mill-bogħod, mingħajr ma jkollu għalfejn jivvjaġġa lejn il-Lussemburgu.

Fil-fatt, f'April 2022 l-Istituzzjoni bdiet, fuq bażi pilota, tqiegħed għad-dispożizzjoni, fis-sit internet tagħha, servizz ta' xandir iddifferit tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali miżmuma quddiem l-Awla Manja u quddiem is-Seduta Plenarja tal-Qorti tal-Ġustizzja, flimkien max-xandir dirett tas-seduti għall-għoti ta' sentenzi u għall-qari ta' konklużjonijiet. Is-suċċess ta' din il-fażi pilota wassal għall-inklużjoni ta' dispożizzjoni speċifika fir-[Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din is-sistema ssir permanenti](#), kif ukoll sabiex tinfetaħ il-possibbiltà li jixxandru ċerti seduti għas-sottomissjonijiet orali quddiem awli b'ħames Imħallfin meta dan ikun iġġustifikat fid-dawl tal-kawża. Barra minn hekk, sabiex jinftehem aħjar il-kuntest tal-kawża u l-iskambji bejn il-partijiet u l-Imħallfin matul is-seduta, qabel kull xandira ta' seduta għas-sottomissjonijiet orali tingħata spjegazzjoni qasira tal-kawża minn uffiċjal tal-istampa f'forma awdjoviżiva, imxandra wkoll fis-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja u fin-networks soċjali tagħha.

Fir-rigward tal-Qorti Ġenerali, ix-xandir tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali, għall-għoti ta' sentenzi jew għall-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet ġie inkluż ukoll fir-Regoli tal-Proċedura tagħha. Sa fejn ir-regoli u l-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-imsemmi xandir kellhom jiġu stabbiliti mill-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar adottat, fi Frar 2025, deċiżjoni dwar ix-xandir tal-għoti ta' sentenzi jew tal-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet. B'applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-ewwel xandira saret f'Mejju, fl-okkażjoni tal-għoti waqt xandira diretta ta' sentenza tal-Awla Manja. Żewġ xandiriet oħra saru f'Settembru.

Dan it-tiżni tal-komunikazzjoni awdjoviżiva tal-Istituzzjoni jippermetti għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja tuża b'mod sħiħ il-potenzjal teknoloġiku li għamel progress mgħaġġel matul il-kriżi sanitarja tal-2020, iżda fuq kollox jippermetti lil kull persuna interessata fl-attività ġudizzjarja tagħha, kemm jekk tkun professjonista jew professjonista futura fil-qasam legali (imħallfin nazzjonali, avukati, aġenti tal-gvernijiet tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, għalliema, studenti), ġurnalista jew, b'mod iktar ġenerali, ċittadin li jkun jixtieq ikun jaf iktar dwar il-missjoni tal-Istituzzjoni, li jsegu s-seduti, fl-istess kundizzjonijiet bħall-persuni li jkunu qegħdin fiżikament fl-awli fejn jinżammu s-seduti, ikunu fejn ikunu, mingħajr ma jkollhom għalfejn jivvjaġġaw lejn il-Lussemburgu.

Dibattitu ġudizzjarju iktar trasparenti

Fl-istess spirtu ta' ftuħ, fl-2025 il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet bl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni adottata fl-2024 intiża li jiġu ppubblikati online, wara l-għeluq tal-kawża, l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari mid-diversi atturi tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari (il-partijiet quddiem il-qorti nazzjonali, l-istituzzjonijiet, l-Istati Membri, eċċ.), sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tagħhom. Sabiex tiġi ssemplifikata l-konsultazzjoni tagħhom, l-aċċess għal dawn l-osservazzjonijiet isir permezz tal-mutur

ta' tfittxija tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sit internet tagħha, li jippermetti lil kull persuna li jkollha interess issir taf il-pożizzjonijiet meħuda matul id-dibattitu li jkun sar quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali qabel id-deċiżjoni preliminari.

Modernizzazzjoni tal-prodotti ta' komunikazzjoni sabiex jilħqu lill-pubbliku ġenerali

Konformement ma' dan l-għan li tissaħħaħ l-aċċessibilità tal-ġurisprudenza għall-pubbliku ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet timmodernizza wieħed mill-prodotti ewlenin tagħha, jiġifieri l-istqarrijiet għall-istampa. Lejn l-aħħar tal-2023, dawn l-istqarrijiet ġew iddisinjati mill-ġdid sabiex joffru sunti iqsar u iktar narrattivi, li b'hekk jirriflettu aħjar dak li huwa mistenni mill-media u mill-pubbliku ġenerali. Din ir-riforma spikkat fl-2025, bil-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet għall-istampa iktar ċari, iktar konċiżi u iktar attraenti, imfassla b'lingwaġġ iktar aċċessibbli. Il-parti l-kbira tagħhom ikunu akkumpanjati minn "rapport qasir", jiġifieri sunt li jiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-istqarrija mill-media.

Fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja nediet għodda ġdida ta' komunikazzjoni: wara l-għoti tal-iktar sentenzi importanti bdew jixxandru videos bi preżentazzjonijiet awdjoviżivi spjegattivi qosra mogħtija mill-Imħallfin li jkunu parti mill-kulleġġ ġudikanti li qata' l-kawża. Din l-għodda innovattiva tippermetti li jiġu spjegati, fi ftit minuti u dejjem b'lingwaġġ ċar u aċċessibbli, deċiżjonijiet li jqajmu interess qawwi min-naħa tal-media. L-ewwel video, imxandar f'Ġunju, kien jikkonċerna l-Kawża Taljana [C-460/23 Kinsa](#): l-isjegazzjoni ġiet ippreżentata bil-lingwa tal-kawża, it-Taljan, mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts. Immedjatament wara li ngħatat is-sentenza, il-video, b'sottotitoli fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni, ġie ppubblikat online fis-sit Curia u fl-istess ħin ittella' fin-networks soċjali. Dan il-video kien suċċess: fuq LinkedIn rawh 20 000 utent. Fl-2025, 11-il video spjegattiv ta' dan it-tip dwar sentenzi tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ttellgħu fis-sit internet u fin-networks soċjali.

Permezz ta' dawn l-inizjattivi, fl-2025, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet bl-impenn tagħha favur sistema ġudizzjarja Ewropea iktar trasparenti, iktar aċċessibbli u eqreb lejn il-pubbliku, billi adattat il-formati ta' komunikazzjoni tagħha għall-aspettattivi l-ġodda tal-pubbliku.



↘ Kooperazzjoni mal-qrati fl-Ewropa

Id-dritt tal-Unjoni japplika fl-Istati Membri kollha, u b'hekk jikkostitwixxi korp legali komuni bbażat fuq il-valuri komuni li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea. Sabiex tissaħħaħ din il-komunità legali u sabiex tiġi ggarantita interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lil hinn anki mill-proċeduri quddiem iż-żewġ qrati tagħha, ilha għal żmien twil involuta f'djalogu miftuħ u kontinwu mal-membri tal-ġudikatura tal-Istati Membri – qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri jew qrati tal-ewwel istanza u qrati tal-appell – kif ukoll man-networks ġudizzjarji u mal-qrati internazzjonali, bħalma hija l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li magħhom hija tikkondividi l-aħjar Prattiki sabiex tissaħħaħ il-kwalità tal-ġustizzja. Dan id-djalogu, li jieħu l-forma ta' konferenzi u ta' laqgħat li jsiru kemm fil-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll fl-Istati Membri, kien ta' suċċess partikolari fl-2025.

“EUnited in Diversity” f'Sofija

Organizzata għall-ewwel darba fl-2021 f'Riga (il-Latvja) u estiża matul it-tieni edizzjoni tagħha fl-2023 f'Den Haag (il-Pajjiżi l-Baxxi), il-konferenza “EUnited in Diversity” ġiet organizzata għat-tielet darba, lejn l-aħjar tas-sajf 2025, taħt l-awspiċġi tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija, f'Sofija. Dawn il-konferenzi li jinżammu kull sentejn ilaqqgħu rappreżentanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali bil-għan li jissaħħaħ id-djalogu bejn dawn il-qrati kif ukoll li tiġi promossa l-interazzjoni bejn l-ordinament ġuridiku komuni tal-Unjoni Ewropea u s-sistemi legali nazzjonali tal-Istati Membri.

L-edizzjoni tal-2025 kellha t-tema “l-rwol tal-ġustizzja kostituzzjonali fl-ordinament ġuridiku komuni tal-Unjoni Ewropea” u esplorat il-kunċett ta' “ġustizzja kostituzzjonali” fi ħdan l-Unjoni, billi gābret flimkien il-qrati kostituzzjonali (jew li jeżerċitaw kompetenza kostituzzjonali) ta' 21 Stat Membru. Il-programm kien jinkludi erba' sessjonijiet dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif irregolat mill-prinċipju ta' attribuzzjoni ta' kompetenzi, il-protezzjoni tal-identità tal-Unjoni fi żminijiet ta' kriżi, ir-relazzjoni bejn id-dritt kostituzzjonali nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri, kif ukoll l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-ordinament ġuridiku komuni.

Il-konferenza pprovdiet ukoll opportunità għal diskussjoni bejn l-uffiċjali amministrattivi ta' livell għoli tal-istituzzjonijiet parteċipanti, bil-għan li jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar Prattiki u li jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni. F'dan id-dawl, it-tema prinċipali ta' din id-diskussjoni, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet irrappreżentata mid-Direttriċi Ġenerali tagħha għall-Infurmazzjoni, kienet “l-impatt tat-teknoloġiji diġitali fuq il-ħidma tal-qrati”.

Forum tal-Membri tal-Ġudikatura fil-Qorti tal-Ġustizzja

Fil-bidu ta' Diċembru 2025, il-forum tradizzjonali għall-membri tal-ġudikatura li jinżamm fil-Qorti tal-Ġustizzja laqqa' 148 membru tal-ġudikatura mill-qrati tal-appell u mill-qrati tal-ewwel istanza tal-Istati Membri kollha. It-temi diskussi matul id-diversi sessjonijiet ta' ħidma kienu jinkludu l-iżviluppi reċenti fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-ġurisprudenza reċenti dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, il-kompetenza l-ġdida tal-Qorti Ġenerali fil-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, il-ġurisprudenza reċenti dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili.

Dan il-forum, li ġie organizzat għall-ewwel darba mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-1968, joffri l-opportunità lill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali li jkollhom kuntatt dirett mal-membri tal-ġudikatura tal-Istati Membri. Dan il-forum jippermetti l-ħolqien ta' rabtiet informali u jippromwovi l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni mill-qrati nazzjonali, li huma l-qrati ordinarji tad-dritt Ewropew, jiffaċilita l-iskambju ta' ideat dwar kwistjonijiet komuni u jippromwovi l-għarfien u l-komprensjoni reċiproċi ta' sistemi legali differenti, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn il-qrati.

Laqgħa tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea

F'Novembru nżammet is-seba' laqgħa annwali tal-korrispondenti tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (NGUE) f'Lisbona (il-Portugall). Mañluq fl-2017 fuq inizzjattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-okkażjoni ta' Forum tal-Membri tal-Ġudikatura ddedikat għas-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma, in-NGUE għandu l-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Ewropa fl-interess ta' ġustizzja ta' kwalità. Kompost minn 78 qorti kostituzzjonali u suprema tal-Istati Membri, kif ukoll mill-qrati supremi ta' erba' pajjiżi terzi (l-Islanda, il-Liechtenstein, ir-Renju Unit u l-Ukraina), in-NGUE huwa forum permanenti għall-kondiviżjoni bejn il-membri tiegħu. Dan in-network jippermetti kooperazzjoni u djalogu informali bejn l-ogħla qrati fl-Ewropa u b'hekk jikkompleta l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni formali li hija l-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Peress li l-laqgħat tan-NGUE qegħdin jiġu organizzati mill-qrati nazzjonali bl-appoġġ tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-laqgħa tal 2025 ġiet organizzata mill-Qorti Kostituzzjonali, mill-Qorti Suprema u mill-Qorti Suprema Amministrattiva Portugiżi. Għal din il-laqgħa attendew sittin korrispondent, minn 20 Stat Membru kif ukoll minn Stat terz u minn erba' networks Ewropej oħra. Id-diskorsi u d-diskussjonijiet bejn il-parteċipanti ttrattaw il-futur tal-kooperazzjoni fi ħdan in-network u l-portata tal-obbligu tal-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Laqgħat mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huma żewġ atturi ewlenin fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa. Iż-żewġ qrati jappartjenu lil żewġ organizzazzjonijiet distinti (il-Kunsill tal-Ewropa għall-ewwel waħda, l-Unjoni Ewropea għat-tieni waħda) iżda jsewgu b'mod komplementari l-istess għanijiet, ibbażati fuq bażi komuni ta' valuri: id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-osservanza tal-Istat tad-dritt, il-protezzjoni tal-minoranzi, it-tolleranza,

in-nondiskriminazzjoni, is-solidarjetà, u ż-żamma ta' spazju ta' paċi u ta' ġustizzja fl-Ewropa. Huwa għalhekk li dawn il-qrati jżommu relazzjoni mill-qrib permezz ta' laqgħat regolari, bil-għan li jikkondividu l-iżviluppi fil-ġurisprudenza rispettiva tagħhom u li jiddiskutu suġġetti ta' interess reċiproku u l-isfidi komuni tagħhom. B'hekk, kull sena, il-Membri taż-żewġ qorti jiltaqgħu fil-Lussemburgu jew fi Strasbourg sabiex iżommu dan il-kuntatt u din il-kooperazzjoni favur il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa.

Din is-sena, il-laqgħa saret f'Novembru fil-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Lussemburgu. Il-Membri taż-żewġ istituzzjonijiet ġudizzjarji pparteċipaw f'diversi diskussjonijiet dwar il-libertà tal-espressjoni fl-era diġitali, l-aħjar interessi tat-tfal f'każijiet ta' ħtif transkonfinali ta' tfal, u l-ostakoli legali u fiżiċi għall-aċċess għall-proċeduri tal-ażil. Il-laqgħa uffiċjali pprovdiet ukoll opportunità lill-Presidenti ta' kull qorti sabiex jiddiskutu l-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom il-ġustizzja, diskussjoni riflessa f'din l-[intervista](#).

B'mod partikolari, iż-żewġ Presidenti enfasizzaw l-importanza li ċ-ċittadini, fil-kuntest ġeopolitiku u soċjetali attwali, jifhmu dak li jifforma l-pedament ta' dak li nbena matul dawn l-aħħar 75 sena: l-aspirazzjoni li tiġi ggarantita l-aħjar haġja possibbli permezz tal-istabbiliment mill-ġdid tal-paċi u tal-ġustizzja u permezz tal-funzjonament demokratiku tas-soċjetà.

<https://curia.europa.eu/site/ECHRvisit2025>



“Kull meta jkun hemm attakk konkret fuq l-indipendenza ġudizzjarja, kull meta l-libertà tal-espressjoni tintuża sabiex jiġu attakkati l-valuri li suppost tippromwovi – il-pluraliżmu, it-tolleranza – bil-firxa ta' diskors ta' mibegħda jew ta' vjolenza, irridu niftakru dak li huwa essenzjali, irridu niftakru dak li huwa fil-qalba ta' dak li rridu niproteġu.”

Mattias Guyomar,
President tal-QEDB

“L-Istat tad-dritt jiproteġi liċ-ċittadini, iżda jiproteġi wkoll is-sistema demokratika, li hija sistema li għandha tkun tista' tevolve minn elezzjoni għal elezzjoni u bejn l-elezzjonijiet, li għandha tinvolvi lis-soċjetà ċivili, li għandha tinvolvi ċittadini u gruppi ta' ċittadini fil-politika. Dan kollu huwa espress f'firxa wiesgħa ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, marbuta, ħafna drabi, mal-libertajiet fundamentali.”

Koen Lenaerts,
President tal-QĠUE



C. Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku

Żjarat fil-Qorti tal-Ġustizzja

Bil-għan li tqarreb l-Istituzzjoni lejn iċ-ċittadini, il-Qorti tal-Ġustizzja torganizza żjarat u seminars li jikkontribwixxu għal komprensioni aħjar tad-dritt tal-Unjoni permezz ta' programmi mfassla apposta. Iż-żjarat jippermettu li jinftiehm u aħjar ir-rwol tal-qrati tal-Unjoni u l-influenza konkreta tal-ġurisprudenza tagħhom fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, filwaqt li s-seminars, prinċipalment immirati lejn il-membri tal-ġudikatura nazzjonali, jinkoraġġixxu d-djalogu bejn l-imħallfin nazzjonali u dawk Ewropej. Il-Qorti tal-Ġustizzja tospita diversi viżitaturi fil-bini tagħha iżda toffri wkoll żjarat virtwali, b'mod partikolari [programm edukattiv](#) online li jippermetti lill-istudenti tal-iskejjel sekondarji jitgħallmu dwar il-ġustizzja tal-Unjoni mill-klassi tagħhom. FI-2025, 412-il student tal-iskola sekondarja ħadu sehem f'dan il-programm.

15 987 viżitatur, li minnhom

4 647 professjonist tad-dritt

Viżitaturi virtwali: 4.2 %

2 557 viżitatur matul il-Jum
"Bibien Miftuħa"

2 080 stqarrija għall-istampa

593 ittra b'informazzjoni

469 pubblikazzjoni ta' informazzjoni "
info-rapides"

12 181 tweġiba għal talba għal informazzjoni
min-naħa ta' ċittadini (telefonati u ittri
elettroniċi)

Komprensjoni tal-ġustizzja tal-Unjoni

L-uffiċjali tal-istampa fid-Direttorat għall-Komunikazzjoni, li għandhom taħriġ bħala ġuristi, għandhom ir-rwol li jispjegaw is-sentenzi, id-digriet u l-konklużjonijiet, kif ukoll il-kawżi pendenti, lill-ġurnalisti u lill-persuni oħra li jkollhom interess. Huma jħejju stqarrijiet għall-istampa sabiex jinformaw lill-ġurnalisti u lill-prattikanti f'ħin reali dwar id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Huma jxandru, lill-persuni li jkun għamlu talba f'dan is-sens lid-[Dipartiment għall-Istampa](#) tal-Qorti tal-Ġustizzja, ittri ta' informazzjoni regolari li jħabbru l-avvenimenti ġudizzjarji (seduti għas-sottomissjonijiet orali, għoti ta' sentenzi u qari ta' konklużjonijiet) u istituzzjonali importanti, kif ukoll l-"info-rapides" dwar kawżi li ma jkunux koperti minn stqarrijiet għall-istampa. Barra minn hemm huma jwieġbu għall-ittri elettroniċi u għat-telefonati miċ-ċittadini lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar diversi aspetti tal-attività tagħha (informazzjoni ta' natura proċedurali, spjegazzjonijiet ta' sentenzi, ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja, għajnuna dwar is-sit internet, eċċ.).

Komunikazzjoni ta' informazzjoni permezz tan-networks soċjali tal-Qorti tal-Ġustizzja

Bil-għan li tikkomunika informazzjoni b'mod dirett u immedjat, il-Qorti tal-Ġustizzja hija attiva fin-networks soċjali permezz tal-kontijiet [LinkedIn](#) u [Mastodon](#) tagħha, taż-żewġ kontijiet X tagħha (wieħed bil-[Franċiż](#) u l-ieħor bl-[Ingliż](#)), kif ukoll permezz tal-kontijiet [Bluesky](#) u [Threads](#) tagħha. Hija għandha wkoll profil fuq [WhatsApp](#) u fuq [YouTube](#) fejn tikkomunika bl-24 lingwa uffiċjali permezz ta' kontenut awdjoviżiv varju, b'mod partikolari animazzjonijiet intiżi għall-pubbliku ġenerali li jispjegaw l-impatt tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, u x-xandiriet ta' Curia Web TV. Fl-2025, il-Qorti tal-Ġustizzja ppubblikat żewġ animazzjonijiet ġodda fuq YouTube

It-Trasparenza tal-Ġustizzja

 [Ara l-video](#)



X'jiġri meta pajjiż ma josservax id-dritt tal-Unjoni?

 [Ara l-video](#)



Il-kont [Instagram](#) tal-Qorti tal-Ġustizzja, li nfetaħ fl-2025, huwa mmirat lejn udjenza usa' u ta' età iżgħar, filwaqt li jippromwovi l-attivitajiet tagħha permezz ta' komunikazzjoni viżiva u attraenti.

In-numru ta' segwaċi fil-pjattaformi kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja kompli jikber, u jirrifletti l-interess tal-pubbliku fl-attivitajiet tagħha.

384 185 segwaċi fuq LinkedIn
+29 % meta mqabbel mal 2024

5 271 segwaċi fuq Mastodon

3 465 segwaċi fuq Bluesky

2 606 segwaċi fuq Instagram

145 segwaċi fuq Threads

164 725 segwaċi fuq X

120 000 segwaċi fuq YouTube
+33 % meta mqabbla mal-2024

Seduti u deċiżjonijiet f'xandiriet diretti

Sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-attività ġudizzjarja tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja toffri servizz ta' xandir tas-seduti.

L-għoti ta' sentenzi u l-qari ta' konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali jixxandru f'ħin dirett. Dan japplika wkoll għal ċerti sentenzi u konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn is-seduti, konformement mar-Regoli tal-Proċedura, jixxandru bi ftit dewmien. Dan japplika għas-seduti għas-sottomissjonijiet orali quddiem is-Seduta Plenarja, l-Awla Manja jew, f'każijiet eċċezzjonali, Awla b'ħames Imħallfin. Ir-reġistrazzjoni video ta' seduta għas-sottomissjonijiet orali tibqa' disponibbli fis-sit Curia għal xahar.

Fil-każ tas-sentenzi l-iktar importanti, Imħallef li jkun parti mill-kulleġġ ġudikanti li sema' l-kawża jippreżenta, b'lingwaġġ ċar u aċċessibbli, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'video spjegattiv ta' ftit minuti (ara iktar fil-kapitolu [“Ġustizzja Ewropea iktar trasparenti”](#)).

Qabel ix-xandir tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali, preżentazzjoni qasira tal-kawża bil-lingwi tas-seduta tixxandar fis-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja, preżentazzjoni li mbagħad tittella' fin-networks soċjali.







4

Istituzzjoni li tirrispetta
l-ambjent





Il-Qorti tal-Ġustizzja ilha għal diversi snin impenjata li ssegwi politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa l-iktar standards eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ħarsien tar-riżorsi naturali. Dan l-impenn ilu rrikonoxxut, mill-2016, permezz tal-kisba tar-reġistrazzjoni EMAS (Eco-Management and Audit Scheme), ċertifikazzjoni rregolata mill-Unjoni Ewropea li tingħata lill-organizzazzjonijiet li l-politiki ambjentali u l-metodi ta' ħidma sostenibbli tagħhom jissodisfaw standards stretti.

Fl-2024 (l-aħħar sena li fiha l-prestazzjoni ambjentali ġiet awditjata u vvalidata minn awditur estern approvat, f'Ottubru 2025), il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet, bħal kull sena, progress ġdid fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent.

Fir-rigward tal-enerġija, il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet naqqset b'mod sinjifikattiv il-konsum tagħha f'termini ta' tişhin u ta' elettriku. Dan ir-riżultat huwa ferm iktar notevoli meta jitqies li fl-2024 ġie kkummissjonat park komplet ta' stazzjonijiet għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi u ibridi.

L-isforzi sabiex jitnaqqas il-konsum tal-karti wkoll ħallew il-frott tagħhom. B'mod partikolari, l-użu tal-karti tal-uffiċċju kompli jonqos b'mod sinjifikattiv bis-saħħa ta' bidliet fl-użanzi tax-xogħol u tad-diġitalizzazzjoni kontinwa tal-proċeduri u tad-dokumenti.

L-emissjonijiet ta' CO₂, li naqsu b'mod sostanzjali mill-2015, issa qed juru xejra lejn l-istabbilizzazzjoni. Dan l-iżvilupp pożittiv juri l-impatt konkret tal-proġetti mwettqa f'dawn l-aħħar snin, iżda wkoll l-involvement ta' kuljum min-naħa tal-membri tal-persunal fl-azzjonijiet previsti fil-kuntest tal-politika EMAS.

Grazzi għal-livell ta' prestazzjoni ambjentali mil'huq fl-2024 u għall-osservanza stretta tar-rekwiżiti tas-sistema EMAS, fl-2025 il-Qorti tal-Ġustizzja kisbet it-tiġdid, għat-tielet darba, taċ-ċertifikazzjoni EMAS tagħha. Hija għalhekk qiegħda taffronta s-sena 2026 – li ser tkun l-10 sena mir-reġistrazzjoni EMAS tagħha – bl-istess determinazzjoni u bl-istess ambizzjoni li tnaqqas l-impatt ambjentali tagħha.

L-indikaturi ambjentali għall-ilma, għall-iskart, għall-karti, għat-tişhin u għall-elettriku jikkorrispondu għal dawk tas-sena 2024. Il-bidliet jitkejlu meta mqabbla mal-2015, is-sena ta' riferiment għall-iskema tal-EMAS.

Azzjonijiet favur l-ambjent

- Titjib fis-separazzjoni tal-iskart u tnaqqis tal-plastik li jintuża darba biss
- Parteċipazzjoni fis-sistema ta' roti self-service Vel'OH! u sostenn għat-traġitti bir-rota u bil-ferrovija għall-ħaddiema transkonfinali
- Installazzjoni ta' postijiet għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi
- Titjib fl-infrastrutturi tat-tiġin, tal-ventilazzjoni, tal-klimatizzazzjoni u tad-dawl
- Tħaddim ta' 3 466 m² ta' ċelloli fotovoltajċi, li jipproduċu 350 204 kWh (ekwivalenti għall-bżonnijiet annwali ta' 92 familja Lussemburġiża)



Riżultati f'ċifri

- tnaqqis ta' 40.1 %
fil-iskart "Uffiċċji u Catering"
(kg/EFT)

- tnaqqis ta' 25.6 %
fil-konsum tal-ilma
(m³/EFT)

- tnaqqis ta' 64.2 %
fil-konsum tal-karta (kg/EFT)

- tnaqqis ta' 29.3 %
fil-konsum tal-elettriku
(kWh/EFT)

- tnaqqis ta' 37.5 %
fil-konsum tal-enerġija
għat-tiġin (kWh/EFT)

- tnaqqis ta' 27.0 %
fil-emissjonijiet ta' CO₂ (kg
CO₂/EFT)

L-**ekwivalenti full-time (EFT)** hija unità li tippermetti li titkejmel l-attività professjonali b'mod indipendenti mid-differenzi f'termini ta' numru ta' sigħat ta' xogħol fil-gimġha għal kull membru tal-persunal minħabba d-diversi modi kif jiġi organizzat il-ħin tax-xogħol.



5

Ħarsa lejn il-futur



↘ L-innovazzjoni u d-djalogu maċ-ċittadini fil-mira tas-sena 2026

Is-sena 2026 ser tkun importanti għall-Qorti tal-Ġustizzja u ser tkun ikkaratterizzata mill-implimentazzjoni ta' proġetti li għandhom għan ċar: it-tqarrib tal-ġustizzja Ewropea lejn il-pubbliku, it-tiżiż tat-trasparenza tal-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja u t-titjib tal-aċċess għall-ġurisprudenza tagħha kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-professionisti legali.

Din id-dinamika hija riflessa, qabel kollox, fit-tnedija tas-**sit internet il-ġdid** tal-Qorti tal-Ġustizzja, maħsub sabiex jimmodernizza u jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-Qorti tal-Ġustizzja minn udjenzi differenti li jkollhom interess f'din l-informazzjoni. Sa minn Janjar 2026, is-sit Curia joffri, bħala riżultat ta' proċess ta' disinn kompletament ġdid u ffokat fuq l-esperjenza tal-utent, navigazzjoni iktar ċara u intuittiva. Dan id-disinn ġdid huwa bbażat fuq ristrutturazzjoni kompleta tal-arkitettura tal-informazzjoni, fuq evoluzzjoni tal-kontenut, imfassal b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem, kif ukoll fuq disinn grafiku iktar sempliċi u faċli biex jintuża.

Is-sit il-ġdid jinkludi **magna ta' tfittxija modernizzata** li tippermetti konsultazzjoni iktar rapida u preċiża tal-informazzjoni u tar-riżorsi kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-professionisti legali. Verżjoni inizjali diġà toffri kapaċitajiet ta' tfittxija għal dokumenti permezz ta' test sħiħ u ta' metadata, imsaħħa b'funzjonalitajiet ġodda. Fil-futur qarib ser titniedi interface avvanzata, maħsuba għal professionisti legali, li ser tipproponi l-possibbiltà li jitwettqu tfittxijiet iktar iffokati abbażi ta' diversi kriterji.

Fid-dawl tal-evoluzzjoni fl-użu u b'mod partikolari tal-fatt li l-mezzi awdjoviżivi qegħdin isiru dejjem iktar importanti, is-sit il-ġdid jospita wkoll innovazzjoni, immedija fl-okkażjoni tad-disinn mill-ġdid tas-sit, fil-forma tal-**pjattaforma Curia Web TV**. Il-pjattaforma CVRIA Web TV, filwaqt li tikkomplementa l-informazzjoni bil-miktub li tkun tinsab fl-istqarrijiet għall-istampa, tikkomunika, kemm fis-sit internet kif ukoll fin-networks soċjali, sensiela ta' programmi multilingwi maħsuba sabiex itejbu l-għarfien mill-pubbliku dwar l-Istituzzjoni u sabiex isaħħu t-trasparenza dwar il-funzjonament tagħha.

L-offerta tal-programmi hija msawra sabiex tirrifletti l-kalendarju ġudizzjarju: preżentazzjonijiet li joffru spjegazzjoni dwar is-seduti, xandir iddifferit tas-seduti, xandir dirett tal-qari ta' konklużjonijiet u tal-għoti ta' sentenzi, u videos ippreżentati mill-Membri taż-żewġ qrati li jispjegaw id-deċiżjonijiet mogħtija.

Filwaqt li tikkomplementa l-kopertura tal-aħbarijiet ġudizzjarji, Curia Web TV toffri programmi fil-forma ta' intervisti u ta' preżentazzjonijiet, kif ukoll kopertura tal-avvenimenti istituzzjonali ewlenin, u b'hekk tipprovdi ħarsa ġenerali vivaċi, edukattiva u konkreta tax-xogħol ta' kuljum tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Imfassla bil-għan li jilħqu udjenzi differenti, tliet programmi oriġinali jixxandru b'mod regolari fuq din il-pjattaforma. L-ewwel nett, "La Cour des citoyens" (il-Qorti tal-Ġustizzja għaċ-ċittadini) huwa programm edukattiv immirat lejn il-pubbliku ġenerali li jispjega l-kompożizzjoni, il-kompetenzi u l-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u li juri, permezz ta' eżempji konkreti, l-impatt tad-deċiżjonijiet tagħha fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. It-tieni nett, maħsub sabiex jindirizza l-ġenerazzjonijiet żgħażaġħ, il-programm "Bright" (Dawl) huwa format qasir, divertenti u mingħajr lingwaġġ tekniku, li jintegra informazzjoni grafika, animazzjonijiet u mistoqsijiet magħmula minn viżitaturi żgħażaġħ. L-għan ta' dan il-programm huwa li jrawwem interess fil-proġett Ewropew u li jispjega


d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja billi jpinġihom fil-kuntest ta' kwistjonijiet li jqajmu tħassib ta' kuljum. Fl-aħħar nett, intiż għal pubbliku iktar informat, il-programm "Open Court" (Qorti miftuħa) jgħaddi l-kelma lill-Membri tal-Istituzzjoni u jixħet dawl, permezz ta' diskussjonijiet fuq temi speċifiċi, fuq il-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-funzjonament tagħha, fuq il-bażi tad-dritt Ewropew, fuq ir-rwol taċ-ċittadini, fuq ir-relazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet, fuq ir-rwol tal-Imħallef u tal-Avukat Ġenerali, fuq ir-rimedji proċedurali li jwasslu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll fuq suġġetti ġuridiċi sostantivi.

Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tħares lejn il-futur billi tħaddan it-teknoloġiji ġodda, dan ma jfissirx li nsiet il-pedamenti fundamentali li fuqhom hija msejsa l-evoluzzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fosthom, u l-iktar prominenti, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Sabiex tiċċelebra l-25 anniversarju tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata f'Nice fis-7 ta' Diċembru 2000, il-Qorti tal-Ġustizzja ser torganizza, fil-bidu tal-2026, **Forum Speċjali tal-Membri tal-Ġudikatura** ddedikat għall-kwistjonijiet ewlenin li sawru l-oriġini tal-Karta, l-iżvilupp tagħha, il-futur tagħha, il-bażi tagħha fil-valuri fundamentali tal-Unjoni u r-rwol tagħha fi ħdan is-sistemi legali nazzjonali. Dawn id-diskussjonijiet mal-membri tal-ġudikatura mill-Istati Membri kollha ser jikkontribwixxu għal riflessjoni fil-fond dwar ir-rwol attwali tal-Karta u dwar l-isfidi emerġenti f'termini ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tar-rispett għall-ħajja privata fl-Ewropa.

Permezz ta' dawn l-inizjattivi, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq politika dinamika ta' tiġdid u ta' ftuħ. It-tfassil tas-sit il-ġdid, il-modernizzazzjoni tal-magna ta' tfittxija fuq dan is-sit u t-tnedija ta' Curia Web TV jirriflettu x-xewqa li l-azzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun iktar aċċessibbli u faċli biex tinftiehem, filwaqt li ċ-ċelebrazzjoni tal-25 anniversarju tal-Karta ser isservi bħala tfakkira li hija l-espressjoni stess tad-drittijiet individwali ggarantiti liċ-ċittadini mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Dawn l-azzjonijiet kollha juru ambizzjoni ċara: li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun iktar qrib lejn iċ-ċittadini billi tibni u tikkonsolida relazzjoni diretta ta' fiduċja magħhom, ibbażata fuq il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tagħhom.



Segwi l-aħbarijiet ġudizzjarji u istituzzjonali
curia.europa.eu



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
L-2925 Luxembourg
Tel. +352 4303-1

Test miktub fi Frar 2026 / Data vverifikata sal-31.12.2025

Tnejn tal-pubblikazzjoni: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea / Id-Direttorat għall-Komunikazzjoni / Id-Diviżjoni għall-Pubblikazzjonijiet u għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi, 2026

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u kull persuna li tagħxi f'isem l-Istituzzjoni ma humiex responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

© Unjoni Ewropea, 2026

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors.

L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod. Paġna 9 © European Law Moot Court; paġna 15 © Gabinete do Presidente, Supremo Tribunal de Justiça; paġni 98 sa 99, u 101 © Gediminas Karbauskis.

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

Print	ISBN 978-92-829-5079-1	ISSN 2467-1460	doi:10.2862/6137910	QD-01-25-007-MT-C
PDF	ISBN 978-92-829-5078-4	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/8456040	QD-01-25-007-MT-N
HTML	ISBN 978-92-829-5114-9	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/7048979	QD-01-25-007-MT-Q



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Id-Direttorat tal-Komunikazzjoni

Id-Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi

